**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int.Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**
**-vs-**
**Kevin Vella, iben John u Helen nee` Spiteri imwieled Rabat, Għawdex, nhar it-28 ta' Frar, 1994, residenti fil-fond 106, Triq Santa Duminka, Rabat, Għawdex, u detentur tal-karta tal-Identità numru 16594(G)**

*Kumpilazzjoni Numru 64/2013*

Illum, 21 ta' Lulju, 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Kevin Vella** u ċioe` talli:

> Nhar 15 ta' Ġunju, 2013, u fix-xhur ta' qabel ġewwa diversi postijiet f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew l-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u l-pjanta Cannabis kollha, jew biċċa minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) u 8(d), tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ipproduċa, biegħ jew xorta oħra tittraffika r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*), kontenenti s-sustanza (*methlenedioxyamphetamine*) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ttraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap.31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Rat li f'din il-kawża kienet ingħatat sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-27 ta' Settembru, 2017;

Rat li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija nhar is-27 ta' Novembru 2020, il-Qorti ordnat li l-atti ta' dan il-proċediment jiġu rimandati lill-ewwel Qorti sabiex il-każ jiġi deċiż mill-ġdid;

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni magħmul nhar il-preżentata fejn ġie dikjarat li *"fir-rigward tal-ħames u s-seba' imputazzjonijiet fejn hemmhekk qed jindika li l-imputat seta' ttraffika, dana qed issir riferenza [għal] trafficking by sharing u mill-investigazzjonijiet li saru rigward dawn l-akkużi s'issa ma rriżultax li l-imputat għamel xi qliegħ jew biegħ*

*dawn it-tipi ta' droga msemmija. Fir-rigward tar-raba, ħames, sitta u sebgħa imputazzjoni ma nstabu l-ebda tip ta' droga fis-16 ta' Ġunju, 2013".*[1] Jingħad mill-ewwel li l-Qorti mhix marbuta ma' tali dikjarazzjoni iżda tintrabat biss ma' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi fil-31 t' Ottubru 2018,[2] u l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret nhar il-21 ta' April, 2021.

Rat li f'dik l-ewwel seduta l-Qorti ġiet eżentata mis-smigħ mill-ġdid tal-provi ġa mismugħa.

Rat it-talba tad-difiża magħmula fl-istess jum, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti Dwar Id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-***Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija),*** Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.[3]

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Lulju, 2021[4] fejn irriferiet lill-imputat **Kevin Vella** quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali maħruġa ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta[5] u tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta;[6]

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.[7]

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

---

[1] Fol.6. Il-Qorti tirrimarka li l-akkużi jirrigwardaw il-jum preċedenti u x-xhur ta' qabel. Is-16 ta' Ġunju 2013 ma jaqax fil-parametri temporali tal-imputazzjonijiet addebitati lil Vella.
[2] Fol.435(a)
[3] Fol.1902
[4] Fol.458
[5] Fol.38
[6] Fol.39
[7] Fol.533-534

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-imputazzjonijiet jirrigwardaw il-15 ta' Ġunju 2013 u x-xhur ta' qabel. L-abbli difiża fit-trattazzjoni tagħha ssollevat il-punt li l-għemil li qed jiġi imputat bih l-imputat Kevin Vella twettaq fis-sigħat bikrin tas-16 ta' Ġunju 2013, u b'hekk lil' hinn mill-parametri temporali li fihom ġew arġinati l-imputazzjonijiet u ċioè *"nhar 15 ta' Ġunju 2013 u fix-xhur ta' qabel"*. Għalhekk tenut kont tal-importanza ta' tali sottomissjoni li timpinġi fuq il-mertu tal-imputazzjonijiet kollha, u senjatament dak li seħħ fi Mġarr ix-Xini, din is-sottomissjoni ser tiġi kunsidrata l-ewwel.

Mix-xhieda ta' **Zael Vella** jirriżulta li hi u Kevin Vella waslu l-*party* bejn it-8.30pm-9pm.[8] Mill-**Current Incident Report**, debitament ikkonfermat bil-ġurament minn **PS342 Johan Said**[9], jiġi indikat il-ħin kien **23:40hrs** bħala l-ħin li fih twaqqaf l-imputat mill-pulizija.[10] Mhux kontestat li bejn il-ħin li waslu l-*party* u telqu lejn id-dar, l-imputat ma kien mar fl-ebda post ieħor, u kien fil-viċinanzi tal-istess *party* li nstabet is-sustanza fil-karozza.

Iktar minn hekk ħu Zael Vella, Aiden Vella, jixhed li kienu għaddew xi sagħtejn jew tlieta minn x'ħin beda l-*party* li Zael Vella ħassitha ma tiflaħx u ġie deċiż li joħduha d-dar.[11] Imbagħad missier l-imputat jispjega li hu ġie nfurmat bl-arrest ta' ibnu għall-ħabta ta' xi s-siegħa jew is-sagħtejn ta' filgħodu.[12] Il-ħin tas-siegħa jissemma wkoll mill-Ispettur Spiteri bħala l-ħin li fih ġiet arrestata Zael Vella.

Issa mill-atti jirriżulta li l-arrest taż-żewġ żgħażagħ seħħ l-Għassa Victoria u dan wara li neċessarjament kien hemm trapass ta' ħin mill-mument li Kevin Vella twaqqaf mill-pulizija u ġie nfurmat li ser jiġi arrestat anke meta kienu għadhom fuq il-post, sakemm is-sustanza ġiet issiġillata fil-preżenza tal-imputat ġewwa l-Għassa. Fil-fatt mill-**Current Incident Report**, debitament awtentikat kif intqal minn PS Said, jirriżulta li l-arrest sar fl-Għassa fil-ħin ta' 00:24hrs tas-16 ta' Ġunju 2013**.** Fil-perjodu ta' bejn il-**23:40hrs tal-15 ta' Ġunju u l-00:24hrs** diversi kienu l-azzjonijiet imwettqa mill-pulizija; jitfakkar biss biss li qabel ma seħħ l-arrest il-

[8] Xhieda Zael Vella a fol. 82
[9] Fol.45
[10] **Current Incident Report** konfermat minn PS Said (fol.45), Vide Fol.46; PC Grima a fol.51
[11] Fol.281
[12] Fol.262

vettura kellha tiġi misjuqa minn Mġarr ix-Xini għall-Għassa r-Rabat; dan wara li fl-ewwel lok kellu jiġi msejjaħ fuq il-post PC Thornton mill-garaxx tal-pulizija sitwat ġewwa r-Rabat. Dan kellu jinżel Mġarr ix-Xini, bla dubju azzjoni li tieħu l-ħin tagħha.

Għalkemm PC Grima jgħid li meta sabu l-qratas infurmawhom li ser jiġu arrestati,[13] kien biss meta ġew proċessati u wara li saru l-imsemmija perkwiżizzjonijiet, li ġew arrestati tant li kien fl-Għassa li ġie offrut lilhom li jinfurmaw lil xi persuna dwar l-arrest tagħhom.[14] Ingħad ukoll kif kellhom isiru tfittxijiet fuq il-vettura barra l-Għassa u kien għall-ħabta ta' xi 2am li rnexxielhom jikkomunikaw ma' missier Zael Vella, iżda dan seħħ wara li kienu saru diversi tentattivi fil-ħin ta' qabel.[15]

Ir-rapport tal-pulizija jindika "**Incident Time"** u ċioè l-ħin tal-azzjoni suspettuża jew tal-għemil inkriminat bħala dak ta' **23:40hrs**. Fil-fatt l-azzjonijiet kollha meħuda mill-pulizija, inkluż il-perkwiżizzjoni fuq il-vettura tal-imputat, dawk fuq il-persuna ta' Kevin Vella u Zael Vella, il-wasla ta' Thornton Mġarr ix-Xini mill-garaxx fir-Rabat, it-trasport tal-vettura minn Mġarr ix-Xini għall-Għassa u l-arrest ta' Kevin Vella u Zael Vella, intemmu fis-**1:15hrs**, tant li kien sitt minuti wara li PS Said beda jdaħħal ir-rapport tiegħu u ċioè fil-**01:22hrs** tal-għodwa tas-16 ta' Ġunju, 2013.

Jagħmel sens, u tassew għandu mis-sewwa u l-loġika, li biex ittieħdu l-azzjonijiet kollha li sar aċċenn għalihom, fejn il-ħidma tal-pulizija dwar dan il-każ inbdiet fi Mġarr ix-Xini, bilfors inneċċessita trapass ta' żmien. Il-ħin traskors ta' madwar siegħa u nofs, mill-ħin li tqanqal is-suspett (23:40hrs[16]) sal-ħin li għadda sakemm l-imputat ġie proċessat l-għassa, saru tfittxijiet fuqu ġewwa l-għassa kif ukoll fuq il-vettura li kellha tinstaq minn fuq il-post wara li ssejjaħ mill-garaxx tal-Pulizija sitwat Victoria, PC Thornton, sal-mument li l-evidenza ġiet issiġillata u Kevin Vella u Zael Vella ġew formalment informati bl-arrest tagħhom (01.15[17]), jikkorrobora u jissostanzja l-ħin li jissemma mill-uffiċjali tal-pulizija kif ukoll mill-Ispettur Spiteri li jindika li kien biss fis-1am li Zael Vella ġiet arrestata.

---

[13] Fol.52
[14] Fol.48
[15] Fol.49
[16] Fol.16
[17] Ibid.

Ma jirriżultax li wara li waslu Mġarr ix-Xini, l-imputat mar f'xi post ieħor minn fejn seta ġab is-sustanza, jew li sabha f'xi ħin wara nofs il-lejl, sbieħ is-16 ta' Ġunju u għalhekk m'hemmx dubju li, kemm-il darba jiġi pruvat li tassew is-sustanza li nstabet fil-vettura kienet tiegħu, din kienet għandu sa mill-15 ta' Ġunju, 2013.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kif addebitati huma arġinati korrettament u għalhekk ser tgħaddi biex tikkunsidra l-provi li ressqu in sostenn tal-imputazzjonijiet addebitati.

Ikkunsidrat:

L-**Ispettur Bernard Charles Spiteri** semma kif kienu għal xi 1.15am tas-16 ta' Ġunju 2013 meta ġie infurmat minn PS342 Johann Said li waqt li l-pulizija kienet qegħda fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini waqqfu lill-imputat. Fil-vettura li kien qed jagħmel użu minnha, fuq in-naħa ta' wara tal-vettura nstabu disa' (9) pakketti bi trab abjad suspettat kokaina. Il-vettura kienet reġistrata fuq missier l-imputat. Tfittxijiet fir-residenza tal-imputat irriżultaw fin-negattiv.[18]

Bejn il-15 u s-16 ta' Ġunju 2013 Mġarr ix-Xini kien qed isir *party*. Zael Vella, it-tfajla tal-imputat kienet stqarret mal-pulizija li waqt il-*party* rat dawn il-pakketti fil-pussess tal-imputat u li f'okkażjonijiet oħra l-imputat kien għaddielha *ecstasy* u *joint* mingħajr ma talabha flus.[19] L-Ispettur isemmi kif Zael Vella ġiet arrestata għall-ħabta tas-1am.[20]

Interrogat minnu, Kevin Vella innega li s-sustanza kienet tiegħu u semma kif il-bieba tal-vettura ma kinitx imsakkra u li l-ħġieġa kien insiha mniżżla. Ċaħad li kien jikkonsma l-kokaina jew drogi oħra.

Fil-**Current Incident Report** esebit u konfermat minn **PS342 Johann Said,**[21] jissemma kif kienu għall-ħabta ta' 11:40pm tal-**15 ta' Ġunju 2013** meta hu, flimkien ma' PC60 John Grima, kienu qed jagħmlu sorveljanza fuq *party* Mġarr ix-Xini u innutaw tfajla li kienet qed tinġarr tul it-telgħa mill-imputat u ieħor. Hi kienet mitlufa minn sensiha u ma bdietx tiċċaqlaq. Kien hemm *team* mediku li offra l-assistenza iżda l-imputat irrifjuta bis-saħħa tali assistenza, u t-tfajla kompliet

[18] Fol.40
[19] Fol.41
[20] Fol.43
[21] Fol.45

tinġarr **fid-dlam** 'il fuq. Dan l-atteġġjament tal-imputat qajjem suspett u b'hekk il-pulizija baqgħet issegwi l-movimenti tiegħu hu u tiela t-telgħa fejn għadda minn passaġġ ġol-għelieqi li jwasslek għal fejn il-vilel ta' Ta' Ċenċ. Malli raw hekk, il-pulizija qatgħet għad-dritt u għaddiet minn fuq l-imħarbat u hekk kif waslet fit-triq, lemħet persuna li donnu kien *"on the look out"* jitlaq jiġri bejn il-vetturi pparkjati. Dan għadda minn ma' Kevin Vella li kien qed idaħħal lil Zael Vella fil-vettura pparkeġġata faċċata tat-torri ta' Mġarr ix-Xini fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Dan il-persuna ġie segwit minn PC60 u PC951 iżda rnexxielu jaħrab u saq l'hemm f'vettura Isuzu Gemini.[22]

Sa dan il-ħin PS Said baqa jsegwi l-movimenti ta' Kevin Vella u Zael Vella mal-karozza li kellha **d-dwal mixgħulin**. Meta l-pulizija issa ressqu ħdejn il-vettura ta' Kevin Vella, raw lil Zael Vella li kienet fi stat ħażin ħafna staqsew kellhiex bżonn għajnuna iżda l-imputat irrifjutaha (issa mal-pulizija sar ir-rifjut in kwistjoni u mhux mat-team mediku).

Ir-rapport jiddeskrivi f'dettal metikoluż dak li seħħ fil-vettura ta' Vella u kif instabu l-pakketti suspettati droga:

*"…on seeing this **Kevin Vella immediately refused any assistance moved back in a hurry on his driver's seat** and whilst he was immediately informed by PS342 that same were police officers, PC60 and PC951 **rushed to the driver's door as Kevin Vella was noted getting a plastic bag out of his jeans Bermuda's right pocket whilst trying to open the vehicle's driver's door** most probably to try and throw said bag outside in the dark rural surroundings, which action was stopped by prompt police intervention. On seeing this **Kevin Vella moved his right hand to the rear of the vehicle from where PC60 John Grima collected a small bag containing nine (9) small plastic/transparent material sachets which contained white powder suspected to be illegal substance** which plastic bag PC60 J Grima noted **dropping from Kevin Vella's hand.".***

Tali borża u l-pakketti ġew issiġillati l-għassa fil-preżenza ta' Kevin Vella.[23] Mill-vettura nġabar il-*wallet* ta' Kevin Vella li kien fih tmien karti tal-€20, erba' (4) karti tal-€10 u erba' (4) tal-€5. Għalkemm Vella saħaq li dawk il-flus kienu l-paga tiegħu, ma kienx jaf kemm kellu flus fuqu.[24]

[22] Fol.47-48
[23] Fol.48
[24] Fol.49

**PC60 John Grima** semma kif meta kienu xi 11.45pm u hu, flimkien ma' PS342 u PC951, kienu qed jagħmlu osservazzjoni Mġarr ix-Xini għal *party* bl-isem *Caliente*, lemħu lil Zael Vella tittella 'l fuq miżmuma minn spallejjha minn żewġt irġiel. Malli waslu ħdejn tal-emerġenza dawn staqsewhom kellhomx bżonn għajnuna u Grima jgħid li l-imputat *"irrifjuta l-għajnuna. ….Dan baqa' tiela' t-triq Dan baqa' tiela' t-triq 'l fuq u f'nofs qisu t-triq hemm qisu passaġġ li jagħti għal fejn il-vilel Ta' Ċenċ".*[25] Wara jirriżulta li kien ħu Zael Vella, Aiden Vella, li għarraf lil tal-emerġenza li oħtu ma kellhiex bżonn għajnuna u talab lil Kevin Vella jeħodha d-dar. In kontro-eżami jgħid li ma kienx hu li sema dan il-kliem iżda dan sar jafu probabbilment għaliex is-surġent kellem lil tal-ambulanza biex wara informahom b'dak li ntqal lilu mit-*team* mediku.

Il-kuntistabbli Grima jkompli jixhed dwar dak li assista għalih dak il-lejl:

*Dawn telgħu 'l hemm fuq u aħna* ***bqajna nosservawhom minn hemm isfel****. U xħin rajna li tbiegħed daqxejn minna aħna bdejn telgħin man-naħa t'isfel tal-blat, hekk, telgħin 'l fuq, u xħin kważi wasalna fuq kien hemm raġel ieħor, kien irqiq, u malli rana wasalna kważi fejnu dan telaq jiġri.....jien u PC 951 tlaqna niġru għal warajh. Dan kellu l-karozza qiegħda pparkjata hemmhekk u daħal ġol-karozza tiegħu jiġri u telaq jiġifieri. Aħna hemmhekk karozza ma kellniex u ma stajniex niffolowjawh.*[26]*....Aħna u sejrin lura jien u PC 951 kien hemm <u>is-surġent fejn il-vettura, ngħidlek in-numru, EBG 375, kien qiegħed josserva x'inhu jiġri f'din il-karozza</u>, u hemmhekk ra kien hemm Zahel u Kevin Vella ġol-karozza. Xħin wasalna hemmhekk fejnhom, maġenb is-surġent, is-surġent qalilna biex insomma biex inkellmuhom u naraw għandhomx bżonn xi ħaġa dawn.* ***Xħin <u>iddentifikajna ruħna li aħna pulizija</u> u staqsejnihom jekk għandhomx bżonn xi ħaġa dan Kevin Vella qabad u <u>daħħal idu fil-but</u>, kellu s-seat tiegħu tad-driver kien imniżżel kollu, imtedd fuq is-seat, daħħal idu ġol-but u s-surġent ġibdilna l-attenzjoni, qalilna li dan daħħal idu fil-but. U ġrejna n-naħa l-oħra, ġrejna n-naħa tad-driver għax konna n-naħa tal-passiġġier aħna, u <u>hekk eżatt malli wasalt mal-bieba dan prova jiftaħ il-bieba u żammejt il-bieba jien u ma kellux mod ieħor. Kellu borża f'idu u qabad u tefagħha bejn is-seat u s-seat belt</u>. Niżżel idu hekk u tefa' xi ħaġa taħt is-seat tiegħu dan. U nfurmajt lis-surġent u s-surġent qalli, "iċċekkja wara." <u>Ftaħt il-bieba ta' wara u sibt borża kien fiha disa' (9) qratas</u>,*** *kien fiha disa' qratas li kienu qiegħdin ġo pakketti li kienu trasparenti u sustanza illegali x'aktarx li kienet coke insomma."*[27]

[25] Fol.51
[26] Fol.51-52
[27] Fol.52

In kontro-eżami jikkonferma li l-ewwel biċċa tat-telgħa Kevin Vella kien mgħejjun minn tnejn oħra[28] u hu u l-kollega segwewhom billi għaddew minn passaġġ mal-blat li jwasslek għal triq fejn il-vilel ta' Ta' Ċenċ, liema triq kellha karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat. Hekk kif kienu qed jaraw fejn sejrin l-imputat u Zael Vella lemħu persuna bil-qegħda fuq iċ-ċint li malli rahom telgħin telaq jiġri.[29] Ma kien hemm l-ebda konversazzjoni mal-imputat jew ma' Zael Vella jew ma' min kien magħhom. Dan baqa jiġri sakemm wasal sal-karozza u ħalla l-post, tela' iżjed 'il fuq mill-karrozzi li kien hemm. Dak il-ħin huma ma rawhomx lil Zael Vella u l-imputat iżda huma u jiġru wara dik il-persuna jaf li l-karozza ta' Vella kienu qabżuha.[30]

Grima jiftakar li l-vettura ta' dan l-injot kienet ipparkjata wiċċha l-fuq bil-bieba tax-xufier in-naħa ta' barra, *"U baqa' għaddej minn ġon-nofs. U qabad fetaħ il-bieba u daħal ġol-karozza u telaq….il-karozza wiċċha l-fuq kienet, 'l hemm jiġifieri. Lanqas kellu fejn idawwar."* Jikkonferma li l-vettura ta' dan l-individwu kienet ipparkjata l-istess naħa fejn kienet ipparkjata ta' Vella iżda *"biċċa sewwa 'l fuq"*.[31] Hu żgur li qabżu lil Kevin Vella u Zael Vella għax il-karozza ta' dawn it-tnejn kienet aktar warajhom, però fit-triq ma rawhomx għax kien qed jiġri wara l-persuna injota. Ix-xhud jinsisti li l-vetturi ta' Kevin Vella u tal-persuna injota kienu pparkjati fuq in-naħa tax-xellug tat-triq bil-bieba tax-xufier tal-vettura ta' Kevin Vella ma tkunx fuq in-naħa tat-triq iżda fuq in-naħa tal-ħaxix.[32]

Hu u sieħbu niżlu lura flimkien u *"X'ħin wasalna fejn is-surġent, is-surġent kien qiegħed diġà josserva x'inhu jiġri ġol-karozza għax kien hemm il-bozza ta' ġewwa mixgħula…s-surġent ra illi Zael Vella kienet mitlufa minn sensiha u hekk u qalilna "Ejja ħa mmorru nistaqsuha jekk għandix bżonn xi ħaġa". U morna ersaqna mat-tieqa għax kienet miftuħa t-tieqa wkoll, …it-tieqa tal-passiġġier għax kienet in-naħa ta' barra tat-triq biex niftehmu…u morna fejnhom..identifikajna rwieħna illi aħna pulizija u għidnilhom "Isma għandhom bżonn xi ħaġa jew?". U x'ħin għidnilhom illi aħna pulizija qisu beda jgħidilna " Le, le, ma għandix bżonn, ma għandix bżonn."*. F'dan il-ħin Vella kien fuq in-naħa tax-xufier u minkejja li l-bieba tax-xufier kienet fuq in-naħa tal-ħaxix, ***"Kont tidħol naħseb taf….Jiena ma ppruvajtx nidħol imma … meta ftaħt il-bieba ta' wara, ftaħtha jiġifieri, u l-borża minn dik in-naħa hriġta jiġifieri… in-naħa tad-driver".***[33] **Jinsisti li meta fetaħ idu ġiet eżatt *"illi stajt nippikjaha minn***

[28] Fol.206
[29] Fol.207-208
[30] Fol.209
[31] Fol.210
[32] Fol.211-212
[33] Fol.213-215

***hemmhekk…ma dħaltx ġol-karozza jiġifieri…kemm ftaħt il-bieba".*** Isemmi kif Kevin Vella kien fuq is-seat tax-xufier li kien inklinat lura diġà. Il-bieba ta' wara ma kinitx imsakkra fis-sens li l-*lock* kien imtella u hu kemm refa' l-*handle* u ġab il-pakkett.[34] Fil-fehma tal-Qorti mhux sorprendenti li l-bieba kienet miftuħa, wara kollox ġewwa kien hemm diġà Kevin Vella u Zael Vella rikbin!

Peress li waqt it-trattazzjoni l-abbli difiża donnha trid tallega li l-persuna injota kien ċertu Lorton, u li seta' kien hu li tefa l-borża bis-sustanzi fil-vettura ta' Vella, dak li jsegwi mid-deskrizzjoni li jagħti PC Grima, indubbjament jeskludi tali possibbiltà peress li PC Grima u PC Xerri dejjem kellhom lil dan il-persuna ***in their line of vision***. Dan jirriżulta mill-affidavit ta' PC Grima li kienet id-difiża stess li talbet li jiġi esibit wara li għamel riferenza għalih fil-kors tax-xhieda tiegħu:

*"Minn fejn konna qeghdin aħna, bqajna insegwu l-movimenti tagħhom fejn imbagħad tlajna minn mal-blat (short cut) sabiex niġu qribhom fejn hekk x'ħin konna kważi wasalna fuq ilmaħna persuna oħra ta' statura irqieqa li ma nistax niddeskirivih sewwa minħabba li kien hemm ħafna dlam u dan malli rana li kważi wasalna fejnu dan telaq jiġri kemm jiflaħ daħal go karozza li kienet tal-għamla Isuzu Gemini ta' kulur skur li saq minn fuq il-post b'veloċità qawwija."* Peress li kienu bla vettura ma setgħux isegwuh.[35]

PC Grima jkompli jikkorrobora dak li PS Said jiddeskrivi fir-rapport redatt minnu:[36]

*"Lura, jiena u PC951, rajna lis-Surġent PS342 wieqaf jissorvelja x'inhu għaddej ġol-karozza ….il-bozza ta' ġewwa l-vettura kienet mixgħula u stajna naraw lil Zael Vella fl-istat li kienet qeda fih….staqsejnihom humiex bżonn xi assistenza hekk kif identifikajna lilna nfusna li pulizija, dak il-ħin Kevin Vella reġa' beda jirrifjuta u* ***f'dak il-ħin eżatt dan intefa lura fuq is-seat tan-naħa tas-sewwieq li kien imniżżel****, fejn PS342 ġibdilna l-attenzjoni li Kevin Vella kien* ***ddaħħal idu fil-but*** *u fil-pront jiena u PC951 ġrejna lejn il-bieba tas-sewwieq fejn* ***dan ipprova jiftaħ il-bieba tal-karozza****, probabbilment biex jarmiha barra però inzertajna* ***bl-eżatt wasalna mal-bieba fejn imbagħad bil-borża f'idu dan daħħal idu bejn is-seat u seatbelt u jiena stess rajtu jitlaq il-borża għal taħt is-seat*** *fejn kien qiegħed hu. Immedjatament ftaħt il-bieba ta' wara fejn jiena stess elevajt borża tal-plastic żgħira li ġo fiha kellha 9 (disgħa) pakketti/qratas trasparenti li kien jidher fihom trab abjad li x'aktarx kienet sustanza illegali*

[34] Fol.217
[35] Fol.5
[36] **Dok.JS1** a fol.46 et seq

*tal-cocaine."* Fuq ordni tas-Surġent il-borża għaddiet lil PC951 fil-preżenza tal-imputat.[37]

**PC951 David Xerri** jibda biex jispjega kif il-pulizija kienet fejn il-ħruġ tal-*party* meta raw lill-imputat jerfa' lil Zael Vella li ma kinitx tidher f'sensiha:

*"Surġent 342 u PC 60 qalu biex immorru naraw fejn huma sejrin dawn peress li daħlu minn ġo sqaq li kien imdallam. Aħna qtajna short cut għaddejna minn ġol-blat, hekk minn fuq il-blat, hekk kif konna qiegħdin insegwuhom, Sur Maġistrat, innutajna persuna oħra ta' sess maskili li kien qiegħed fuq ċint, qisu qed iħares lejna; hekk kif dan rana ġejjin hu ħarab jiġri. Jiena flimkien ma' PC 60 ħrabna niġru wara din il-persuna, fl-istess ħin is-surġent 342 qagħad isegwi lil Kevin Vella, kif ukoll lil Zael Vella. Aħna bqajna niġru warajh jiġifieri hekk tul ta' ħames mitt metru (500 m.) bejn fejn kien hemm Kevin Vella u Zael Vella, u s-surġent baqa' fejn il-vettura ta' Kevin Vella, b'numru EBG 375. Kif dan il-persuna rikeb ġol-karozza, il-persuna l-oħra ħarab jiġri, aħna ma stajniex la ninnutaw in-number plate, xejn, lanqas il-karozza. Hekk kif konna resqin lura fejn kienet il-karozza ta' Kevin Vella, is-surġent għajtilna, qalilna,* ***"iġri, iġru, żommu l-bieba tal-karozza tan-naħa tax-xufier!"*** *għax wara kien irriżulta li s-surġent kien qal li rah joħroġ xi ħaġa minn ġol-but u jitfagħha fuq in-naħa ta' wara tal-vettura.* ***Jiena żammejt il-bieb tax-xufier, PC 60 fetaħ il-bieba tan-naħa ta' wara tax-xufier fejn minn hemmhekk sab borża li hemmhekk kien hemm disa' (9) pakketti qisu trab abjad.*** *Dak il-ħin is-surġent 342 infurmah bl-arrest tiegħu u tah id-drittijiet kollha. Saret tfittxija dak il-ħin stess fuqu ma nstab xejn. Il-pakkett żammejtu jiena fil-but tiegħi u l-ħin kollu qgħadt fil-preżenza ta' Kevin Vella.".*[38]

B'hekk Xerri jikkonferma li PC60 tassew ma kellux diffikultà biex fetaħ il-bieba tal-vettura ta' Vella!!

In kontro-eżami spjega li żewġ membri fil-korp tal-Pulizija kienu qed jgħinu lil Kevin Vella iqandel lil Zael Vella meta ħariġha mill-*party*.[39] Dawn l-erba' kienu flimkien u bdew telgħin mit-trejqa li tagħti għall-vilel u għar-ristorant Ta' Kantra. Il-pulizija ħadu *short cut* mal-blat u ġew fit-triq li tagħti għal Ta' Ċenċ.[40] F'din it-triq kien hemm vetturi pparkjati fil-ġnubijiet tat-triq. Kif tibda t-triq hemm ċint ta' tlett filati u l-pulizija kellha taqbżu biex tidħol fit-triq. Hemm lemħu persuna li kienet qed tara kollox u kif rathom sejrin fid-direzzjoni tagħha ħarbet tiġri fid-direzzjoni ta' fejn kien hemm il-karozza pparkjata tal-imputat. Dan ġera fid-

37 Fol.55-56
38 Fol.103-104
39 Fol.189
40 Fol.191

direzzjoni tal-erba' persuni u qabiżhom. Il-pulizija bdiet tordnalu jieqaf iżda baqa jiġri u fl-aħħar tat-triq kellu karozza pparkjata fuq l-istess naħa fejn kienet ta' Vella iżda l-bogħod aktar.[41] Huma u jiġru warajh qabżu lil Kevin Vella, Zael Vella u t-tnejn l-oħra. Issa biex tidhol fil-vettura kellek tmur fuq il-lemin tat-triq. Dan ir-raġel ġera għan-naħa tal-lemin tat-triq u f'ħin minnhom daħal bejn il-karozzi u bejn iċ-ċint u qisu tgerbeb iżda qam u rnexxielu jidħol fil-vettura tiegħu u telaq.[42]

Għalhekk ma jirriżulta minn imkien li **f'xi ħin dan l-injot waqaf** mill-ġirja li kien beda aktar 'l isfel biex seta' jitfa xi pakkett f'karozza li nzertat b'tieqa miftuħa u li aktar b'kumbinazzjoni inzertat li kien qed jagħmel użu minnha sieħbu!

Wara kollox, il-vettura ta' Kevin Vella kienet ipparkjata aktar 'l isfel. Issa fl-ebda ħin ma jingħad minn xi wieħed mill-uffiċjali li rawh jitgerbeb jew i**mqar jieqaf għal sekonda ħdejn il-vettura tal-imputat,** kif jallega li seħħ l-imputat, iżda jibqa' ma jġib ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni!

Kif waqfu jiġru warajh rahom is-surġent u għajtilhom *"Iġru, iġru ejjew 'l hawn"*. Waslu flimkien ħdejn il-Pajero u hemm is-surġent infurmahom li ra lil Vella jarmi xi ħaġa.[43] F'dan il-ħin Zael Vella kienet fuq is-seat tal-passiġġier u t-tnejn l-oħra ma kinux hemm. Il-vettura ta' Vella kienet inkaxxata mal-ħajt tant li x-xhud kellu jitla' fuq iċ-ċint biex iżomm il-bieba tan-naħa tax-xufier fuq ordni tas-Surġent.

Jiġi sottolinejat li ċ-ċint li jissemma ma kienx xi wieħed kontinwu tant li PC Grima jixhed li fejn kienet ipparkjata l-vettura ta' Kevin Vella kien hemm biss ħaxix u jekk kien hemm xi ċint dan kien biss ta' filata tant li hu rnexxielu jiftaħ il-bieba u jiġbor il-pakkett bil-qratas.[44]

Dan id-dettal juri li minkejja li tassew kien hemm ċint/ħajt baxx, il-pulizija ma sabet l-ebda impediment biex tiftaħ il-bieba tax-xufier imputat u tiġbor id-droga li rema' wara s-seat!

PC Xerri jżid li meta wasal ħdejn il-vettura, Zael Vella kienet fuq is-seat tal-passiġġier u Kevin Vella fis-seat tax-xufier. Kevin Vella kien mimdud fuq is-seat, inklinat lura u Zael Vella kellha rasha fuqu.[45] Jagħmel osservazzjoni importanti in

[41] Fol.194-195
[42] Fol.196
[43] Fol.198
[44] Fol.214-215
[45] Fol.200

kwantu jixhed li s-seat kien inklinat għaliex Kevin Vella *"kien sab xi problema biex itellgħu s-seat, jekk niftakar tajjeb. Qal: "għax dan ma jaħdimx sewwa". U kien ħa battikata biex tellgħu l-fuq."*[46]

Dan jiżmentixxi dak li jixhed l-imputat li jagħmel ħiltu biex jagħti l-impressjoni li hu kellu jidħol minn wara biex imur għas-seat tax-xufier u dan minħabba li skont hu l-bieba tax-xufier ma setgħetx tinfetaħ minħabba "ħajt" li kien parkeġġat in-naħa tiegħu.

Storja li ħoloq biex jiddefendi ruħu mill-imputazzjonijiet addebitati.

*Stqarrijiet Ġuramentati ta' Zael Vella*

Fuq dan il-każ infetħet Inkjesta Maġisterjali mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli. Fil-kors ta' din l-inkjesta nhar is-17 ta' Ġunju, 2013,[47] Zael Vella wara li għamlet korrezzjoni minuri fir-rigward ta' dak li qalet fl-ewwel stqarrija tagħha, **ikkonfermat bil-ġurament il-kumplament taż-żewġ stqarrijiet** li rrilaxxat lill-pulizija.

Zael Vella bdiet biex tispjega li kienet ilha għarusa ma' Kevin Vella sena u tmien xhur u kienu jiltaqgħu kuljum. Dakinhar tal-*party* ipparkjaw ħdejn il-vilel t'isfel f'Ta' Ċenċ. Waslu l-*party* għall-ħabta tat-8.30pm-9pm. Kevin Vella ma baqax magħha l-ħin kollu għax kienu ġġieldu. Kien jitlaq minn ħdejha u wara xi 10 minuti jerġa jmur lura. Xorbot ħafna u spiċċat tirremetti u bla saħħa tant li ntilfet minn sensiha u ġabruha ħuha u Kevin Vella. Filwaqt li ħuha baqa l-*party,* baqa' jieħu ħsiebha Kevin Vella. Malli rikbet fil-karozza Kevin Vella fetħilha t-tieqa tal-passiġġier u rrimettiet; kien f'dak il-ħin li waslu l-pulizija.[48]

Zael Vella ma setgħetx tikkonferma jekk Kevin Vella kienx tefa fil-basket tagħha l-pakketti bis-sustanza bajda jew il-kartiera kif qalet lill-pulizija meta ġiet interrogata għaliex *"jiena ma kontx f'sensija"*[49]. Jiġi osservat li l-interrogazzjoni saret fil-11:50am tas-16 ta' Ġunju, 2013 u mhux waqt li din kienet f'xi stat ta' sakra!!

[46] Fol.200-201
[47] Fol.80 et seq
[48] Fol.82-83
[49] Fol.83

Tkompli *"Naf li kienu cocaine però jiena dak il-ħin jien ma nafx tefagħlix il-cocaine ġol-basket jew il-kartiera. Għalhekk għidtlek jiena. Għalhekk qed niġi f'dubju. .... naf x'kienu x'ħin kienu f'idejn il-pulizija, rajt x'inhuma...... jiena naf naf* ***naf li fetaħli l-basket qabel ma dħalna xħin konna għadna fin-niżla u xħin inżilna n-niżla naf li fetaħli l-basket.***

Il-Qorti tosserva li f'dan il-ħin Zael Vella kienet għadha ma daħlitx il-*party*. ***Kienet għadha f'sensiha***. Tant hu hekk li Alla jbierek tiftakar li din il-borża jew il-*wallet*, (kif sussegwentement tistqarr għax ma tħossx li hi ċerta limitatament minn tali dettal), damet/dam għandha biss ***"sakemm għaddejna minn fejn is-security….*** *Reġa' fetaħ il-basket li kien imdendel ma' spallti u reġa' ħa l-borża. Issa eżatt bħal ħa l-borża ma nafx jekk hux il-borża jew il-kartiera. Hemmhekk li ġejt f'dubju jien. F'din il-biċċa.*"[50].

Fil-fatt terġa tikkonferma fil-preżenza tal-Maġistrat li dan seħħ ***"sakemm dħalna[51]….aħna u deħlin".*** Issa minn imkien ma jirriżulta li qabel ma marru l-*party* waqfu jixorbu x'imkien, anzi tagħti dettalji eżatti dwar fejn marru qabel il-party. Hu **esklussivament dwar dak li seħħ meta waslu ħdejn is-*security* li konvenjentement ma tiftakarx dan id-dettal**. Fil-verità ftit jagħmel sens li tgħid li ma kinitx f'sensiha meta kienet għada lanqas rifset fuq l-għatba ta' dan il-*party*.

Il-kumplament tal-istqarrija tiġi konfermata bil-ġurament minn Zael Vella u f'din il-parti hi tiddikjara li **Kevin Vella kien ibiegħ il-kokaina u sustanzi oħra**:

> *"Jien ġie li rajtu* ***jgħatti borża żgħira bil-cocaine ġo fiha li xi wħud minn sħabu*** *bħalma Mark iż-Żużu, Chris il-Barri, Samuel Sillato u George Attard. Dawn tal-aħħar iħobb jagħtihom b'xejn. [Jiġifieri inti kien hemm okkażjonijiet li rajtu jgħaddi xi pakketti lil dawn il-persuni li għadek kif semmejt?]* ***Ġie li.....Konna nkunu Grotta u Q Club .....[ibiegh] Sibtijiet****. Matul il-ġimgħa qatt ma għamel xejn."*[52].

Mistoqsija mill-Maġistrat Demicoli dwar kemm kien ilu jbiegħ Kevin Vella tgħid:

> *Kien għamel xahar fix-xitwa għal ħabta ta' Diċembru. Imbagħad kien waqaf u reġa' għamel dawn iż-żewġ weekends.*
> *Il-weekend li għadda fejn kontu?*

---

[50] Fol.85-86
[51] Fol.91
[52] Fol.87

*Il-Grotta. Jien naf li dakinhar ħin minnhom qalli biex nikteb fuq il-mobile biex* *nikteb sittin (60) Żużu, li jfisser li għandu sittin (60) mingħand Żużu. Hu dakinhar naf li kien mgħawweġ li jfisser li hu kien ħa l-cocaine*.
*Jiġifieri meta jieħu l-cocaine dan Kevin Vella jibda jaġixxi b'xi mod partikolari?*
*Jibda jgħawweġ ħalqu. Jien mill-ewwel tinduna li jkun ħa għax jien nafu straight u xħin tarah tinduna.*
*Issa bħala prezzijiet int taf kemm kien qiegħed ibiegħha d-droga dan Kevin Vella?*
***Bejn erbgħin (€40) u sittin Euro (€ 60).***
*Taf x'kienet raġuni għala tinbiegħ bi prezzijiet differenti?*
***Lil sħabu ta' ġew bħal Chris il-Barri kien iżommilhom l-inqas prezz possibbli, jiġifieri erbgħin Ewro (€ 40) u lil ħaddieħor kien iżommilhom sittin Ewro (€ 60)."***[53]

Zael Vella tkompli li Kevin Vella kien għaddielha *ecstasy* wara li kien xtara hu u **taha waħda.** Iżżid *"Qatt ma xtrajt coke jien. Jien* ***kont niddobba mingħand Kevin Vella*** *jew mingħand il-Barri. Iżjed mingħand Barri, għax* ***Kevin Vella kulma jagħmel ibiegħ kien xahar u issa reġa' dan l-aħħar ġimgħatejn.*** *.....".* Tikkonferma li **Kevin Vella kien ilu jgħaddilha *ecstasy* bejn sitt xhur u sena iżda ma kinitx tħallsu tagħha; dan seħħ forsi għaxar darbiet meta kien itiha minn waħda sa tnejn.**[54]

Dak li jsegwi hu dak li din il-Qorti, kunsidrati ċ-ċirkostanzi u dak dettat mill-buon sens, qed tistrieħ fuqu u tagħtih kredibbiltà assoluta.

Il-Maġistrat Demicoli tagħmel aċċenn għall-fatt li Zael Vella ma kinitx qablet mal-parti tal-ewwel stqarrija li tagħat lill-pulizija fejn kienet semmiet li Kevin Vella kien poġġa l-borża bis-sustanza fil-*handbag* tagħha; quddiem il-Maġistrat daħħlilha dubju li setgħet kienet il-kartiera li tefa' fil-basket tagħha Kevin Vella. Madankollu tikkonferma bil-ġurament tagħha l-kumplament tal-ewwel u interament it-tieni stqarrija fejn *inter alia* taħlef li Kevin Vella kien jittraffika u jforni d-droga.

Id-dubji tagħha kienu konċentrati biss fuq jekk Kevin Vella kienx tefa' xi droga fil-basket tagħha u dwar il-kumplament ma kellha ebda dubji ulterjuri jew inċertezzi:

*"Il-Maġistrat:*
*Inti apparti d-dubju li semmejt f'parti minn din l-istqarrija li għadni kif qrajtlek, għandek? Mela, l-ewwel ħaġa – apparti dak id-dubju li tniżżel:* ***tikkonferma l-kumplament*** *bil-ġurament?*
*Ix-xhud:*
***Iva, iva.***

---

[53] Fol.87
[54] Fol.88

<u>*Il-Maġistrat:*</u>
*Qed tikkonfermah bil-ġurament tiegħek.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Issa jiena li ma nixtieqx biss fejn semmejt l-ismijiet ma jiġix li jien semmejthom. Nista' dik?*
<u>*Spettur Bernard Charles Spiteri:*</u>
*Inti minħabba xi biża' jew hekk?*
<u>*Xhud:*</u>
*Li ma toħroġ quddiem ħadd, li tibqa' hekk bejnietna. Mhux, jiena. Mhux għal Barri. Għax.*
<u>*Il-Maġistrat:*</u>
*Jien ħa nurik din l-istqarrija.* ***L-ewwel ħaġa, apparti dik il-parti fejn inti esprimejt dubju, inti għidt "Isma' jien m'inix ċerta dwar din il-biċċa." Il-kumplament tikkonfermaha, hux hekk?***
<u>***Ix-xhud:***</u>
***Iva.***
<u>*Il-Maġistrat:*</u>
*Tikkonfermaha bil-ġurament tiegħek. Għid iva.*
<u>*Spettur Bernard Charles Spiteri:*</u>
*Nista' nagħmel mistoqsija biss. Tagħmillha mistoqsija.*
<u>*Il-Maġistrat:*</u>
*Imma minuta. Ħa nurihielek u għidli jekk fuqha hux qed tagħraf il-firma tiegħek.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
***Iva, iva.***
<u>*Il-Maġistrat:*</u>
*F'kull paġna tagħrafha?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Iva, iva.*
<u>*Il-Maġistrat:*</u>
*Tagħrafha.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
***Jien għal dik biss illi għandi d-dubju, għax*** –
<u>*Il-Maġistrat:*</u>
*Eħe, all right. Imma dik tniżżlet, jiġifieri –*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Iva, iva.*
<u>*Il-Maġistrat:*</u>
*Tniżżlet fil-parti fejn inti għandek id-dubju sintendi fil-parti tal-istqarrija ġuramentata, għamilt li m'intix qed tikkonferma bil-ġurament.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
***Eżatt****."*[55]

[55] Fol.90-91

Zael Vella tikkonferma bil-ġurament ukoll li waqt *party* tal-Karnival ġewwa l-Maxtura Kevin Vella **għaddielha *ecstasy*** iżda ma tafx li kien ibiegħ l-*ecstasy*.[56]

Interessanti, tenut kont l-insistenza tal-imputat li kien ċertu Lorton li tefa' s-sustanza fil-vettura tiegħu, li Zael Vella semmiet lil ċertu Glen li wkoll kellu statura irqieqa bħal ma jissemma kien dak li lemħu u ġrew warajħ il-pulizija, kien isuq Isuzu.

Iżda l-aktar dikjarazzjoni skjaċċanti tagħmilha fl-aħħar tax-xhieda tagħha quddiem l-Inkwirenti meta, mingħajr ma tissenjala l-ebda korrezzjoni għal tali dikjarazzjoni preċedentement magħmulha quddiem il-Pulizija tikkonferma bil-ġurament li l-ewwel darba li rat il-boroż żgħar tal-kokaina kien *"xħin Kevin Vella tefagħhom fil-basket tiegħi. Hu għamel dan minn jeddu u mhux għax tlabtu jien."*[57].

**Il-Qorti hawn tinnota li din id-dikjarazzjoni Zael Vella kienet għamlitha mal-pulizija fil-kors tat-tieni stqarrija li ttieħdet kważi 20 siegħa wara fil-18:10hrs[58], altru ħin suffiċjenti biex kwalunkwe *hang-over* tkun għaddiet!**

Sew jgħid il-qawl li l-'*il-kliem bħaċ-ċirasa, terfa' waħda, ittella' qoffa.*' Il-verità fl-aħħar mill-aħħar, taħbiha kemm tista' iżda kull kif jirnexxielha toħroġ!

**Zael Vella** xehdet *viva voce* f'Diċembru 2013, sitt xhur wara li xehdet quddiem l-Inkwirenti. Hawn tbiddel il-verżjoni mogħtija quddiem l-Inkwirenti meta tixhed li lill-imputat qatt ma ratu jbiegħ. Tinnega wkoll li ratu jitfa' xi ħaġa ġol-basket tagħha.[59] Tixhed li semmiet xi prezzijiet għaliex kienet semgħet lil sieħeb Kevin Vella jsemmihom.

It-taħwid ta' Zael Vella jkompli meta tinjora lill-Qorti, kif diversament preseduta, li f'diversi okkażjonijiet tul ix-xhieda tagħha tfakkarha li d-dikjarazzjonijiet tagħha għamlithom bil-ġurament quddiem Maġistrat.

Il-konfużjoni ta' Zael Vella toħroġ fid-deher għaliex minflok ma tqis dak li tgħidilha l-Qorti tibqa' ddoqq l-istess diska u ssemmi li meta tkellmet mal-Pulizija ma kinitx f'sensiha. **Fl-ebda ħin ma tipprova tallega li baqgħet mhux f'sensiha anke quddiem il-Maġistrat Inkwirenti** u bir-raġun peress li l-istqarrijiet ġew

[56] Fol.94
[57] Fol.96
[58] Fol. 78 et seq. Vide fol.79 u konferma quddiem il-Maġistrat a fol.96
[59] Fol.109

ġuramentati waqt seduta li nżammet fil-għaxija tas-17 ta' Ġunju, 2013 fl-4pm[60], **40 siegħa** wara l-arrest.

M'hemmx dubju li quddiem il-Maġistrat kienet allerta u f'sensiha, iżda dan id-dettal u ċirkostanza konvenjentement tinjorahom fid-dgħadija tagħha biex teżonera l-imputat issa li tixhed *viva voce*.

Għandu l-importanza tiegħu l-fatt abbilment ssollevat mill-Uffiċċjal Prosekutur li, tul il-ħin kollu li Zael Vella għamlet taħt arrest, baqgħet ma talbitx għall-għajnuna medika.[61] In kontro-eżami kkonfermat li fil-perjodu ta' sitt xhur bejn l-akkadut u meta xehdet *viva voce* ma kienx hemm kuntatt mal-imputat, anzi l-imputat kien temm ir-relazzjoni tiegħu magħha.[62]

**Max Xuereb** ippreżenta set ta' 31 ritratt li ttieħdu ġewwa l-Għassa ta' Victoria.

Fl-ewwel lok jiġi osservat li t-twieqi ta' wara tal-vettura huma magħluqin u senjatament dawk tan-naħa tax-xufier.[63] Ma jirriżultax li tul il-vjaġġ jew xi ħin wara ngħalqu minn Kevin Vella jew Zael Vella jew minn xi uffiċċjal tal-pulizija sakemm ittieħdu l-imsemmija ritratti li ttieħdu fil-mument li din il-vettura ttieħdet il-garage tal-pulizija minn PC1542 Chris Thornton u PC951 filwaqt li l-arrestati kienu rikbin fiha[64].

**Kevin Vella** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Kien ikun ferm aħjar għall-imputat li kieku eżerċita d-dritt tas-silenzju għaliex it-tentattivi fjakki biex jagħti spjegazzjoni plawsibbli dwar kif id-droga nstabet fil-vettura tiegħu, fejn l-ispjegazzjonijiet li jressaq 'il quddiem – li jibqgħu mhux korroborati sal-grad rikjest mid-difiża – jservu biss biex ikomplu jsaħħu l-każ tal-prosekuzzjoni kif ser jiġi muri mill-osservazzjonijiet li din il-Qorti ser tagħmel hi u tikkunsidra x-xhieda tal-imputat.

Ix-xhieda tal-imputat ingħatat tlett snin wara l-*party* in kwistjoni. Niżel ma' Zael Vella, li kien ilu f'relazzjoni magħha għal sentejn, għal *party* għal xi 9pm. Magħhom kien hemm ħutu u l-għarajjes tagħhom. F'ħin minnhom Zael Vella ma bdietx tħossha sew u ntilfet minn sensiha. Tal-ambulanza staqsew jekk riditx

---

[60] Fol.80 et seq
[61] Fol.110-111
[62] Fol.183-184
[63] Ritratti **Dok.MX22-24** a fol.133. ritratti a fol.155-157
[64] Fol.59

għajnuna u hi bdiet tgħid li riedet tmur d-dar. Ħdejha f'dak il-ħin kien hemm ħuha, membru fil-korp tal-pulizija, u ddeċidew li Kevin Vella jeħodha d-dar. Kien hemm magħhom sieħeb ħuha, ukoll pulizija. Flimkien għenuha timxi t-telgħa għaliex ma setgħetx timxi sew.[65] Għaddew minn passaġġ fil-ġenb tat-triq li jagħti għal fejn Kevin Vella kien ipparkja l-vettura, fejn Il-Kantra. Il-karozza kienet ipparkjata wiċċha 'l isfel man-naħa tal-ħajt u biex tasal għaliha trid tgħaddi minn biċċa sqaq.[66] Il-bieba tax-xufier kienet mal-ħajt. Huma u telgħin qabżuhom pulizija li kienu qed jiġru wara persuna jgħajjtu *"pulizija, pulizija"*. Jgħid li din il-persuna kienet qed tiġri bejn il-ħajt u l-karozzi bil-vettura tiegħu tkun ipparkjata aktar 'il fuq minn tiegħu.[67]

Għalkemm PC Grima jgħid li dan kien qed jiġri għan-nofs tat-triq[68] u kien biss għal ftit ħin li ġera bejn il-vetturi, il-fatt innifsu li dal-bniedem seta' jiġri liberament bejn il-ħajt u l-vetturi jiżmentixxi l-impressjoni li tipprova tingħata mill-imputat li l-bieba tiegħu ma setgħetx tinfetaħ peress li kienet ipparkeġġata mal-ħajt! Tant li kif xehed Xerri f'mument il-persuna injota tfixkel f'saqajh[69] iżda reġa' qam u kompla jiġri. Diffiċli titrembel, tqum u tkompli tiġri b'veloċità jekk m'għandekx spazju adegwat li jippermetti dan!

Vella jispjega li Zael Vella ddaħħlet fil-karozza mill-bieba tal-passiġġier u, peress li l-karozza kienet ipparkjata mal-ħajt, fetaħ il-bieba ta' wara l-*passenger seat*, niżżel is-seat tax-xufier u qabeż għal fuqu. Għamel dan billi iġġebbed għal fejn hemm il-*lever* tas-seat li hemm mal-bieba tax-xufier u mbotta s-seat lura.

Hawnhekk jitfakkar dak li xehed PC Xerri li l-imputat qallu li s-seat ma jaħdimx sewwa u ħa battikata biex tellgħu l-fuq.[70] Dan jikkontradixxi l-impressjoni li jipprova jagħti l-imputat.

Sħabu marru lura l-*party* x'ħin Zael Vella daħħlet ġol-vettura. "*Dan f'ħin minnhom konna qegħdin hemm, ġie pulizija minnhom u qalilna għandkom bżonn xi għajnuna? Għidtlu le le kollox sew. U xħin mort ħalli ntella' s-seat beda jagħmilli, "titħarrkx, titħarrikx, pulizija!" Għidtlu, "titħarrikx, x'għamilt ħażin?!" U mort ħa nistartja l-karozza u qalli, "ħu, ieqaf ieqaf titharikx!" U ġew u qalgħu ċ-ċavetta minn ġol-ignition. ....*

[65] Fol.241-243
[66] Fol.243
[67] Fol.244
[68] Fol.51
[69] Fol.196
[70] Fol.200-201

*hu qalli, "int għandek bżonn xi ħaġa?" U jien għidtlu le le. U jien sa dan it-tant kont għadni bis-seat imniżżel. Xħin għidtlu le le, mort ħa ntella' s-seat biex intellgħu ħalli nistartja u nitlaq u hu beda jgħidli, "uh, uh, pulizija, titharikx titharikx!"*[71] Iċ-ċavetta kienet diġà fl-*ignition* u kien qed itella s-seat meta l-pulizija ordnatlu ma jiċċaqlaqx.[72]

Interessanti hu l-fatt li Vella ma jiftakarx jekk it-twieqi kinux miftuħin iżda jagħmel riferenza għal dak li qal pulizija u ċioè li t-twieqi ta' wara tan-naħa fejn instab il-pakkett kienu mniżżlin sa nofsha; din kienet it-tieqa tan-naħa tax-xufier li kienet mal-ħajt. Fl-aħħar tax-xhieda tiegħu *viva voce* jerġa jsemmi li kienet it-tieqa ta' wara tan-naħa tax-xufier li ma kinitx tingħalaq.[73]

Però jiġi nnotat li Zael Vella tgħid biss li t-twieqi Kevin Vella kien iħallihom *"mbexxqin xi 5cm"*.[74]

Skont l-imputat kien waqt il-ħarba tiegħu fi dlam ċappa u mingħajr ma ndunaw il-pulizija li kienu immedjatament warajh huma u jżommuh taħt għajnejhom, li ħaġa tal-għeġubijiet Lorton irnexxielu jilmaħ fetħa ta' 5cm ta' tieqa ta' wara ta' vettura pparkeġġata ma ħajt u jarmi l-qratas minnha!

Kevin Vella ikompli: *"Dan aħna kellna suspett f'dan li kien hemm jiġri għax jien dik ma kienitx tiegħi. Jien ngħid li l-pulizija għandhom żball f'dak il-muviment li qed jgħidu li rawni nagħmel. Għax jien dik mhux tiegħi; ma ħriġt xejn minn ġol-but u armejtu fuq wara kif qed jgħidu huma. Jien li ngħid li dak ir-raġel li huma marru jiġru warajh hu għadda minn dik in-naħa, kien hemm it-twieqi miftuħin u għandna suspett fih u li minn dak iż-żmien 'il hawn sirna nafu dak ir-raġel minn hu. ....Dan ir-raġel hu kien l-ewwel wieħed li avża lil ħuti li jiena spiċċajt l-għassa. Kont għadni mank wasalt l-għassa tar-Rabat. U xi xahrejn ilu ġie ċempel lili u ċempili biex nagħtih il-flus ta' dik id-droga ta' dakinhar...... Dan huwa wieħed Lorton Spiteri minn ta' Sannat. .... Hu lili ċempili jew prova biex jheddidni jew ibeżżagħni. Kien qalli kif se nagħmlu minħabba l-flus ta' dik. Issa jien lilu qatt ma kelli nagħtih xi flus jew hekk u peress li hu kien is-suspett tagħna jien moħħi mill-ewwel mar fuq hekk. Jien kont għidtlu, "tini ċans, qiegħed xogħol issa inkellmek...Dak il-ħin infxilt hux. Ridt ninforma lin-nies. Dawn mhux affarijiet hemm każ għaddej u se nitkellem jien. Infurmajt lil missieri u filgħaxija kien reġa' beda jċempel u kien kellmu missieri mbagħad filgħaxija u wara ċempilna lill-avukat mill-ewwel fuqha."*[75] Kien beda

[71] Fol.246
[72] Fol.247
[73] Fol.259
[74] Fol.95
[75] Fol.251

jċempel u hu blockjah iżda anke ċempel minn fuq *landline*. Fl-aħħar spiċċa kellmu missieru. Kevin Vella tenna li *"Jien nixtieq ngħid li l-karozza ma kienitx tiegħi imma kienet tal-kumpanija, jużaha kulħadd, u li l-muviment li qed jgħidu li rawni nagħmel huma għandhom żball fil-muviment. Dik ma kinitx tiegħi żgur."*[76]

Hawn Vella jrid jitwemmen li meta issa għaddew tlett snin u fuqhom dan il-proxxmu ċempillu u talbu l-flus għal 4.04 grammi kokaina bir-**riskji** li tali dikjarazzjoni ġġib magħha. Vettura li Alla jbierek dan il-bniedem sar jaf lil min tappartjeni biss wara dak iż-żmien kollu, u meta fi kliem Kevin Vella stess din kienet waħda li tintuża mill-ħaddiema ta' missieru.[77] Teżi difensjonali li assolutament mhix miżrugħa fis-sewwa.

Osservazzjoni oħra kemm xejn ovvja hi dik li, ġaladarba diġà ġie aċċertat li l-pulizija ma setgħux jilħqu lil dan l-individwu skonoxxut għaliex kien laħaq qabiżhom sew fejn fl-ebda ħin ma jirriżulta li kienu qorbu lejh tant li avolja waqa' xorta ma laħquħx – indikazzjoni tad-distanza konsiderevoli bejniethom - m'hemmx spjegazzjoni li għandha mis-sewwa, mis-sens komun u mill-loġika, li dan il-proxxmu kellu għalfejn jarmi 4.04 grammi *gratis et amor Dei*!

Daqstant ieħor tisfida l-buon sens l-allegazzjoni li kien l-istess bniedem li informa lill-ħutu bl-arrest tal-imputat meta ġie pruvat li dan laħaq ħalla l-post ferm qabel l-arrest ta' Kevin Vella!

Hu insensat dak li jittenta joffri bħala difiża tiegħu Vella. Kif seta' jinduna dan il-persuna fid-dlam ċappa li kien qed jiksi l-akkwati, fil-kors ta' ġirja b'saħħitha biex jaħrab mill-pulizija, li kien hemm tieqa ta' wara ta' vettura - minn tant vetturi li kien hemm ipparkjati - ipparkjata ma' ħajt fejn l-element ta' manuvra hu ristrett, li għażilha biex jarmi qratas fiha? Ħaġa tal-iskantament li ċċomba proprju dik ta' Kevin Vella, li l-għarusa tiegħu tixhed b'ġurament kien jispaċċa d-droga!

Iżda għall-kuntrarju, tali linja difensjonali tiġi mxejjna mill-fatt li mhux biss l-istess Kevin Vella ma jsemmi xejn minn dan fil-kors tal-istqarrija li rrilaxxa meta mistoqsi dwar kif setgħet din id-droga tispiċċa fil-vettura użata minnu ***"Ma nafx u m'għandix idea"***[78]**,** iżda *multo magis* din "it-teorija" tiġi żmentita mill-fatt li mit-tlett uffiċjali li bejniethom kellhom taħt għajnejhom il-vettura ta' Kevin Vella, lill-imputat, lil dan il-persuna injota u l-vettura tal-istess, qatt ma jixhdu li rawh jieqaf

---

[76] Fol.252

[77] Fol.248: *"Din hi karozza tal-kumpanija tax-xogħol. Jużawha l-ħaddiema!"*

[78] Fol.15

ma' karozza jew ma' xi tieqa. Kull ma rawh jagħmel kien jitgerbeb, evidenza li kienu ferm attenti għal kull moviment minn tiegħu;[79] moviment li jieħdok 'l isfel u mhux wieħed fejn tieqaf ma' tieqa imqar jekk tirralenta għal mikro-sekonda!

Fl-ebda ħin ma rawh inaqqas mill-veloċità tal-ġirja biex jiskandalja hemmx xi tieqa jew bieba miftuħa. Tassew dan l-individwu ried ikun ferm stupidu meta kellu x-xagħri, "ħaxix" u l-imħarbat madwaru fejn hemm seta' jarmi l-qratas, f'*area* midfuna fid-dlam, hu li kien irnexxielu jaħrab mill-pulizija, jagħżel jitfa' pakkett ġo vettura, ġo spazju konfinat fejn żgur li jista' jinstab minn dawk li kellhom lilu taħt għajnejhom il-ħin kollu huma u jsegwuh!! It-teżi tal-imputat hi waħda li mhux konfortata bil-buon sens proprju għaliex hi biss fabbrikazzjoni.

Vella jixhed li tefa' fil-basket ta' Zael Vella l-*wallet,* il-mobile u ċ-ċavetta tal-karozza iżda waqt il-*party* stess reġgħet tagħtu kollox. Jiġi osservat li Zael Vella la semmiet ċwievet u wisq anqas il-mobile f'kull okkażjoni li xehdet iżda tkellmet dwar kartiera biss!

Ftit jagħmel sens li Kevin Vella kellu għalfejn jagħmel dan jekk mhux biss biex jostor il-fatt dwar dak li tassew tpoġġa minnu fil-basket ta' Zael Vella!

Ma tingħata ebda spjegazzjoni għaliex oġġetti li normalment jinġarru fuq persuna, kellu għalfejn jgħaddihom lit-tfajla, iktar u iktar meta jammetti li ftit wara ħa lura l-kartiera biex jixtri *drinks.*[80] X'sens hemm li bniedem jgħaddi mobile biex jieħdu lura ftit tal-ħin wara? Ma jirriżultax li f'xi ħin ieħor reġa' sab ħtieġa li jerġa jitlobha żżomm ħwejġu imma dan seħħ biss sakemm, kif tistqarr Zael Vella, kienu għaddew mill-entratura u żammet il-wallet jew il-qratas għal ftit tal-ħin ***"sakemm għaddejna minn fejn is-security….*** *Reġa' fetaħ il-basket li kien imdendel ma' spallti u reġa' ħa l-borża. Issa eżatt bħal ħa l-borża ma nafx jekk hux il-borża jew il-kartiera. Hemmhekk li ġejt f'dubju jien. F'din il-biċċa.*"[81].

Iżda ftit jagħmel differenza jekk Vella tefax is-sustanza fil-basket ta' Zael Vella jew kien biss il-*wallet* li jingħad li tefa' fil-basket tagħha; dan lanqas jibda biex b'xi mod jinnewtralizza dak li l-uffiċjali attentissimi u viġilanti assistew għalih fil-ħin li Kevin Vella kien fil-vettura! Vettura li aċċeda għaliha wara li madwar tlett sigħat qabel kien ħareġ minnha u ma mar imkien iżjed iżda baqa' l-*party*.

---

[79] Fol.51
[80] Fol.249
[81] Fol.85-86

Fl-istqarrija Kevin Vella jgħid li l-karozza ma jidhirlux li ħalliha msakkra, *"Ma jidhirlix"*[82] iżda meta jixhed u mitlub jispjega dak li seħħ biex iddaħħlet Zael Vella fiha jirriżulta mod ieħor għaliex isemmi li biex iddaħħlet Zael Vella kellu juża ċ-ċavetta:

> *"L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *U timbotta s-seat b'lura. Sewwa. Dħalt allura, għamilt din il-manuvra u dħalt. Iċ-ċavetta, qabel ma' ftaħt il-bieb tal-passiġġier biex inti ddaħħlu lil Zael Vella, iċ-ċavetta minn fejn kont ġibtha?*
> *Xhud:*
> *Iċ-ċavetta kont ġibtha minn ġol-but u peress li Zael Vella ma kinitx qiegħda f'sensiha kelli nerġa' nagħmel iċ-ċavetta fil-but biex ngħinha tidħol 'l ġew......*
> *L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *Biex issa ċ-ċavetta ddaħħalha fl-ignition, minn fejn ġibtha?*
> *Xhud:*
> *Kelli noħroġha mill-but iċ-ċavetta.*
> *L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *Mela int kellelk iċ-ċavetta fil-but meta wasaltu ħdejn il-karozza.*
> *Xhud:*
> *Eżatt.*
> *L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *Daħħaltu lil Zael Vella fil-karozza.*
> *Xhud:*
> *Iva.*
> *L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *Qabel ma' daħħaltu lil Zael Vella fil-karozza –*
> *Xhud:*
> *Daħħalt erġajt iċ-ċavetta fil-but......*
> *Xhud:*
> *Biex inġib iċ-ċavetta, waħħaltha u xħin mort ħa ntella' s-seat beda jgħidli, "uh, uh, titħarrikx titħarrikx!"*
> *L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *Sewwa. U mbagħad x'ġara?*
> *Xhud:*
> *Imbagħad dak il-ħin qala' ċ-ċavetta, fetħu l-bieba ta' wara u ħarġu dan il-pakkett."*[83]

In kontro-eżami Vella jixhed li malli ċempillu Lorton għarfu minn leħnu u abbinah ma' wieħed li kien jaf. Wara jikkonferma li mhux sempliċiment kien jafu iżda kienu **ħbieb joħorġu jieklu flimkien**. Vella jgħid li dan – xejn anqas minn tlett snin wara - qallu *"kif se nagħmlu minħabba l-flus ta' dik?" u jien peress li hu kien l-*

---

[82] Fol.15
[83] Fol.246-247

*uniku suspett li għandna fuqu, u jien qatt ma kelli nagħti lil dan, mill-ewwel ġieni f'moħħi li qed jgħid għal dak, ta' dakinhar."*[84]

Fil-fehma tal-Qorti hi verament ħaġa tal-iskanatament li, meta skont Vella stess dan ma kellu ebda konnessjoni ma' dan il-proxxmu u meta issa kienu għaddew aktar min tlett snin, il-ħsieb tal-imputat mill-ewwel mar għall-pakkett li l-pulizija sabu fil-vettura ta' missieru! Dan ifisser li dan Lorton, ġewwa Għawdex fejn kulħadd jaf lil xulxin, ħa tlett snin biex jiskopri li l-vettura li fiha tefa 4.04grammi droga fis-sigħat bikrin ta' dik il-lejla, fi dlam ċappa, kienet vettura li kumbinazzjoni kien għamel użu minnha dakinhar l-imputat. Iktar tal-iskantament hu xi xprunaħ biex wara tlett snin meta ħeles minnha u baqa' injot u fl-ombra, issa għal dawk l-4.04grammi kien lest joħroġ għad-deher u jissoġġetta ruħu għall-inkarċerazzjoni? Ovvja li dawn huma stejjer anzi le, ħrejjef!

Ma jridx jintesa li Vella stess jixhed *"li l-karozza ma kienitx tiegħi imma kienet tal-kumpanija, jużaha kulħadd".*[85] Mhux talli hekk, iżda aktar 'il quddiem fix-xhieda tiegħu, Vella jammetti li dakinhar kien għamel użu mil-vettura in kwistjoni meta ħadha għal ħabta tat-8pm ta' dakinhar stess! Iktar rilevanti minn dan hu l-fatt li Kevin Vella kien ħbieb ma' Lorton u ma jirriżultax li kien hemm xi tilwim jew *bad blood* bejniethom li seta' wassal biex Lorton, issa li jaf li Kevin Vella għaddej proċeduri kriminali, jesponi ruħu hu għall-istess destin billi jagħmillu azzjoni tant ħażina u jippermetti li dan jiffaċċja akkużi kriminali minfloku! Issa wara tlett snin?!

Il-Qorti tassew tinsab konvinta li din il-ħrafa inħolqot biex Kevin Vella jevita l-madmad ta' kundanna għall-għemil tiegħu.

Vella jkompli li meta kien ġie arrestat kien Lorton li nforma lill-ħutu bl-arrest u dan meta lanqas kien għadu wasal l-għassa.

Anke hawn dan ma jagħmel l-ebda sens kif daqstant ieħor din l-allegazzjoni lanqas ġiet remotament ippruvata. Irriżulta li l-persuna injota kienet ilha li ħalliet il-post meta Vella twaqqaf mill-pulizija. Għalhekk kif seta' jsir jaf bl-arrest tiegħu? Għaliex meta ġie mressaq mid-difiża biex jixhed, Lorton ma ġie mistoqsi l-ebda domanda bil-għan li jiġi sostanzjat dak li kien qed jiġi allegat dwaru? Ma hemm xejn inkriminanti dwar jekk infurmax lil xi ħadd bl-arrest ta' Kevin Vella! Mhux

[84] Fol.253
[85] Fol.253

talli hekk, iżda ħadd minn ħut l-imputat ma tressaq biex jissostanzja l-fatt li kienu ġew infurmati bl-arrest ta' ħuhom minn Lorton. *A buon intenditor poche parole!*

L-inkonsistenzi iżda jissoktaw. Vella jisħaq li l-vettura tal-injot kienet ipparkjata quddiem tiegħu meta l-pulizija xehdu li kienet ipparkjata ħafna aktar 'il quddiem u kien hemm bosta karozzi bejn tal-injot u tal-imputat. Stranament tenut kont tal-linja difensjonali tiegħu, jikkonferma li meta l-injot għadda mal-vettura *"minn ma ġenba"*[86] ma rah jagħmel ebda moviment. Madankollu jinsisti li l-injot kien Lorton għaliex kien Lorton li informa lill-familtu bl-arrest tiegħu[87] fatt li kif intqal baqa mhux pruvat sal-grad mistenni mid-difiża. Diffikultà oħra għal Vella hi kif meta hu kien jaf sew lil Lorton u dan fi kliemu għadda minn miegħu, hu baqa ma għarfux. Iktar u iktar meta fi kliemu *"jien lanqas kont qiegħed bejn il-ħajt u l-karozza li qed nara bi dritt. Jien fit-triq kont."*[88] U b'hekk persuna jkollha viżwali aħjar għax tieħu tara wkoll il-profil, il-persuna mill-ġenb u mhux minn wara biss.

Vella jispjega li biex iddaħħlet fil-vettura Zael Vella kellha tintrefa' minn darha u minn saqajha u tpoġġiet fuq is-seat tal-passiġġier. Hawnhekk l-imputat jerġa jsib diffikultà jispjega kif seta' jidħol fil-vettura ġaladarba jikkontendi li l-bieba tiegħu tant kienet marsusa mal-ħajt li ma setax jgħaddi minnha. Fil-verità, anke kunsidrata l-istatura xejn ingombranti tal-imputat, ftit jagħmel sens dak li jgħid u d-diffikultà biex tingħata spjegazzjoni li għandha mis-sewwa, temana mill-fatt li ma' kull domanda li titlob ċertu specifiċità jispiċċa jżid dettalji li jkomplu jimminaw din it-teżi difensjonali tal-imputat.

Dan joħroġ fid-deher meta jkollu jammetti li għalkemm persuna bil-ġiri setgħet tgħaddi minn bejn il-ħajt u l-vettura tiegħu fejn il-ġisem ma jkunx statiku iżda jirrikjedi aktar spazju, il-loġika sssegwi li hu ferm aktar faċli għal persuna biex tidħol ġol-vettura bil-pawsa u bil-galbu, fejn tista' tiddetermina hi tidħolx la ġenba jew angolata.

Tant hu hekk li anke jekk il-pulizija ma kellhiex il-benefiċċju li taġixxi billi tieħu l-ħin tagħha, xorta irnexxielha mhux biss tiftaħ il-bieba iżda tiġbor il-pakkett li Vella deher jitfa' wara s-seat. PC Xerri kellu jibqa' jżomm il-bieba tax-xufier biex ma tinfetaħx! *Multo magis* jikkonferma li l-pulizija baqa fuq in-naħa tas-sewwieq u rnexxielu jneħħi c-ċavetta mill-*ignition*!

---

[86] Fol.255
[87] Fol.244
[88] Fol.255

*"L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*Issa mela din Zael Vella rikkibtuha fil-vettura. Issa int kif dħalt fil-vettura? Erġa' spjegali naqra.*
*Xhud:*
*Jien imbagħad kelli nidħol minn naħa tal-passiġier minn wara imma mill-bieba ta' wara peress li n-naħa tiegħi tad-driver ma stajtx niftaha li nidħol jien peress li kien hemm il-ħajt. Kelli nidħol minn naħa ta' wara, iġġebbidt hekk biex nidħol fis-seat, għafast il-lever u middejt is-seat –*
*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*Jiġifieri int għaddejt minn bejn Zael Vella qed tgħid u s-seat tal-passiġġier ta' quddiem.*
*Xhud:*
*Eżatt. U l-passenger's seat kelli nniżżlu imma biex inkun nista' ngħaddi għal fuqu.*
*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*Eħe, eħe. Jiġifieri int ma stajtx iddur u tiftaħ minn barra l-vettura?*
*Xhud:*
*Ma kien hemmx, ma kien hemmx spazju li jinfetaħ il-bieba tiegħi u nidħol jien peress li kien hemm il-ħajt.*
*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*Allura bniedem seta' jgħaddi?*
*Xhud:*
*Bniedem seta' jgħaddi imma ma kien hemmx spazju biex tiftaħ il-bieba u ngħaddi jien ukoll minnha.*
*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*Orrajt. Imma bniedem qed tgħidilna li bil-ġiri seta' jgħaddi.*
*Xhud:*
*Iva, iva **bniedem seta' jgħaddi. Fil-fatt il-pulizija minn dik in-naħa ġie biex qala' ċ-ċavetta u allura kien hemm spazju biex jgħaddi persuna**."*[89]

Dan ifisser li ġaladarba setgħet tgħaddi persuna bejn il-vettura u ċ-ċint/ħajt/ħaxix, daqstant ieħor seta' jidħol fuq is-seat bla ħafna diffikultà! Din hi waħda mill-kontradizzjonijiet ta' Vella li, filwaqt li jrid jagħti l-impressjoni li ma kienx hemm spazju biex jidħol fuq is-seat tax-xufier, skond hu dan "Lorton" sab spazju biżżejjed biex waqt il-ġirja frenetika mill-pulizija jieqaf mal-vettura tiegħu u jitfa' l-qratas fiha.

Ġa intqal kif **fl-istqarrija rrilaxxata minnu fl-ebda ħin ma jagħmel riferenza għal Lorton jew li ra persuna tiġri**. Jiżdied il-fatt li ma jagħmilx sens li dan Lorton kien jaf li kien l-imputat li kien qed jagħmel użu mill-vettura partikolari, meta fi kliem l-imputat din hi tal-kumpanija ta' missieru u tintuża mill-ħaddiema tiegħu. Mhux talli hekk talli l-imputat jixhed li kien biss dakinhar filgħaxija li kien iddeċieda jagħmel użu mill-vettura in kwistjoni:

[89] Fol.256-257 per Kevin Vella

*"L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*U din meta tgħid li l-karozza hi tal-kumpanija min jużaha?*
*Xhud:*
*Ħaddiema jużawha ukoll għax-xogħol, missieri jużaha, kulħadd jużaha.*
*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*U dakinhar kemm kienet ilha għandek?*
*Xhud:*
*X'jiġifieri?*
*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*Il-karozza. Dakinhar. Kemm kien ilha taħt idejk tiġri biha?*
*Xhud:*
*Dik il-ġurnata?*
*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*Eħe, eħe.*
*Xhud:*
***Mit-tmienja.***
*L-Ispettur Charles Bernard Spiteri:*
*Ta' filgħodu? Ta' filgħaxija?*
*Xhud:*
*Ta' filgħaxija, xħin lestejt iż-żiemel u hekk u ħriġna biex morna għand l-għarusa ta' ħija, minn dak il-ħin għax qabel xogħol kont, ma kontx niġri bil-karozza."*[90]

Fl-aħħar tax-xhieda tiegħu jammetti li hu **ma kienx jagħmel użu mid-droga kokaina**.[91] Stranament jgħid li hu qatt ma ta n-numru tal-mobile tiegħu lil Lorton għalkemm jammetti li kienu ħbieb u ġieli ħarġu jieħdu ġelat flimkien jew ħarġu jieklu.[92]

Missier l-imputat **Giovanni Vella** xehed li l-ewwel li ġie nfurmat bl-arrest ta' ibnu kien mill-pulizija meta marru jinformawh f'xi ħin bejn is-1am-2am[93]. *"Imbagħad ġew it-tfal wara jiġifieri,"* u qalulu li ċertu Lorton qalilhom bl-arrest ta' Kevin Vella iżda ma kienx jaf fuq x'hiex.[94] Dan Lorton kien magħruf li jħawwad fid-droga u ġieh suspett fih mill-ewwel.

Il-Qorti tirrimarka li sakemm ma kienx hemm xi konnessjoni preċedenti bejn Vella u Lorton, magħdud mal-fatt li kien proprju Lorton li informa lil ħut Kevin Vella li

---

[90] Fol.257
[91] Fol.258
[92] Fol.258-259
[93] Fol.262
[94] Fol.262

dan ġie arrestat – dettal li anke f'dan il-każ tibqa' mhux sostanzjata bl-ebda mod - ma kien hemm ebda raġuni plawsibbli għaliex kellhom jissuspettaw fih li ried jinkrimina lil Kevin Vella għal xejn b'xejn meta wara kollox kif intqal kienu ħbieb. Ma jagħmel l-ebda sens li għax bniedem jagħmel azzjoni ta' ħabib u jinforma lill-qraba ta' sieħbu li ġie arrestat, kellu jaqa' s-suspett fuqu u dan meta ma jirriżultax li kien hemm xi diżgwid bejniethom.

Giovanni Vella jgħid li kien minħabba s-suspetti li kellu li mar sab lil Lorton fil-garaxx tiegħu f'Ta' Sannat għalkemm aktar 'il quddiem għal xi raġuni taħrablu kelma *"Għidtlu ġejt gdibtli, ġejt ġo ħwejjġi, għidtlu żibel u minn kollox għidtlu"*[95] li turi l-qrubija li kien hemm bejn dawn il-ġuvintur! Wara l-inkontru ma' Lorton informa b'kollox lill-pulizija iżda skont Giovann Vella dawn allegaw li kien qed jagħmel rapport falz.[96] Għalkemm Giovann Vella jixhed li kien għamel *"find out"* wara li mar jagħmel dan ir-rapport, jonqos milli jagħti aktar dettalji dwar din l-indaġni u dak li rriżulta minnha.

Il-konfuzjoni tax-xhud tissokta meta l-abbli difensur isaqsih għal aktar dettalji dwar il-vettura li kien qed isuq l-injot u meta ġie a konoxxenza tal-imsemmija vettura:

> *"Xhud:*
> *Jien imbagħad għamilt ftit find out u x'jgħidulu, għax it-tifel tiegħi kien hemm fin-nofs hux, hu spiċċa l-vittma, u hu kien hemm u qaluli li kien fuq il-post u kien b'din il-karozza li qalu li kien qed jiġri warajha l-pulizija, -*
> *L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *U x'karozza skoprejt li hi?*
> *Xhud:*
> *Il-karozza huma qaluli li raw karozza skura u hu* ***kien dakinhar b'karozza BMW sewda.***
> *L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *Tiftakar jekk kienx BMW jew xi ħaġa oħra?*
> *Xhud:*
> *U kellu Isuzu wkoll blu fl-iswed.*
> *L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*
> *Issa, meta int skoprejt li għandu dan l-Isuzu blu fl-iswed u skopret li din l-Isuzu blu fl-iswed huwa ta' dan Lorton, erġajt fil-fatt avviċinajt lill-pulizija biex tgħidilhom?*
> *Xhud:*
> *Dażgur dażgur. Dan hawnhekk Għawdex żgħir, Għawdex m'aħniex qegħdin l-Amerika. Għawdex kullħadd jaf. U sħabu u ħutu, dak kulħadd jaf x'ġara.*

[95] Fol.265
[96] Fol.263

<u>*L-Avukat Dottor Joseph Giglio:*</u>
*Issa meta erġajt avviċinajt lill-pulizija t-tieni darba allura biex tgħidilhom, l-ewwel nett kif skoprejtha din tal-Isuzu Gemini? Minn fejn skoprejt li l-pulizija kienu jiġru wara karozza Isuzu Gemini?*
<u>*Xhud:*</u>
*<u>Għax xehed il-pulizija stess</u> u jien kont hemmhekk u kont qed nisimgħu jiena. U hu qalli wkoll il-pulizija xħin mort inkellmu l-ewwel darba."*

Giovanni Vella jkompli li kien hawn li Lorton ġie arrestat.[97] Għalkemm ma jsemmix meta kien iż-żmien li dan Lorton kien qed iċempel lil Kevin Vella u hu sar jaf b'dan, iddeċieda li jkellmu hu għaliex Kevin Vella għaddielu l-mobile: "*meta kellimtu jiena ma qallix xi jrid, jien għidtlu xi trid, u hu qalli rrid inkellem lil Kevin Vella hu. U jien għaraftu, għidtlu iva Lorton, għidtlu kif int qed iċċempillu għal flus tad-droga? Għidtlu mela tiegħek kienet Lorton. Imbagħad għajjartu jiena. Minn kollox għidtlu. Għidtlu ġejt gdibtli, ġejt ġo ħwejjġi, għidtlu żibel u minn kollox għidtlu. Imbagħad qalli le mhux tiegħi kienet, ta' xi ħadd ieħor. Għidtlu jiena għalija sakemm ma tgħidlix ta' min kienet tiegħek kienet. Għidtlu ta' xi ħadd ieħor ta' min kienet Lorton? Qalli ngħidlek imma mhux fuq it-telephone. Għidtlu mela sakemm tgħidli għidtlu għalija tiegħek kienet. Għidtlu għax inti ċemplitlu. Għidtlu u x'wiċċ għandek. Iċċempillu, dan ċempillu biex ibeżżgħu hux, għidtlu x'wiċċ għandek!"*[98]

Jgħid li Lorton ċempillu minn fuq *landline* u għadda n-numru lil avukat. In kontro-eżami jikkonferma li meta ċempel lill-ibnu n-numru kien jidher, mhux wieħed immarkat *private*.[99] Fil-fehma tal-Qorti dan ma jagħmilx sens għaliex min ma jridx jinħeba ma għandux għalfejn jostor l-identità tiegħu!

**Lorton Spiteri** xehed biss li kellu Isuzu skura mingħajr ma ta dettalji ulterjuri dwar x'tip ta' Isuzu hi l-vettura tiegħu.[100] Kien mistenni mid-difiża li tikkorrobora dan id-dettal b'rappreżentant ta' Transport Malta sabiex jixhed x'vetturi kellu reġistrati f'ismu Spiteri f'Ġunju 2013 u mhux f'Marzu 2017, erba' snin wara, meta xehed Spiteri. L-Isuzu <u>Gemini ma tissemma qatt</u> wisq anqas li kien jagħmel użu minnha fl-<u>2013</u>. Ma saret l-ebda domanda lix-xhud mid-difiża li ressqitu dwar jekk kienx hu li informa lill-familjari ta' Kevin bl-arrest tiegħu fl-isperanza li jiġi sostanzjat dak li jallegaw missier l-imputat u l-imputat stess.

[97] Fol.264
[98] Fol.265
[99] Fol.266
[100] Fol.276

**PC967 Aiden Vella** xehed kif kien il-*party* fejn kien hemm oħtu u l-imputat. Wara xi sagħtejn jew tlieta Kevin Vella għajjatlu biex jgħinu jtellgħu l-oħtu għax ma kinitx f'pożizzjoni li tista' titla' t-telgħa waħedha. Tar-*Red Cross* staqsewhom kellhomx bżonn għajnuna iżda hu qal lil Kevin Vella biex jeħodha d-dar. Irritorna l-*party* u meta kienu saru xi 2am jew it-3am missieru qallu li oħtu kienet għand il-pulizija iżda ma kienx jaf għal x'hiex. Filgħodu sar jaf li kienet ġiet arrestata rigward użu ta' droga. Jeskludi li Zael Vella kienet tieħu droga għalkemm hi stess ikkonfermat dan.[101]

**Il-Provi**

Għalkemm il-Qorti ġa kellha opportunità tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha imiss issa li jsir riassunt tal-provi saljenti.

1. PS342 Said jiddeskrivi kif il-persuna li telqet tiġri għaddiet eżatt minn ma' Kevin Vella li dak il-ħin kien qed idaħħal lil Zael Vella fil-vettura.[102]

(i). Il-Qorti osservat aktar 'il fuq li ma hemmx spjegazzjoni li għandha mis-sewwa, ġaladarba kienu ħbieb, kif Vella ma għarafx lil Lorton. U ġaladarba kienu ħbieb u ma jirriżultax li kien hemm diżgwid bejniethom x'raġuni kien hemm għall-azzjoni hekk ħażina li jinkriminah intortament? Kemm jagħmel sens li wara tlett snin, jagħżel jinkrimina ruħu u jesponi ruħu għall-inkarċerazzjoni billi jitlob ħlas għall-ammont miżeru ta' **4.04 grammi**? Xenarji li nibtu mill-fantasija tal-imputat u xejn aktar.

(ii). Lanqas ma nġabet xi prova li Lorton li xehed fil-2017, dakinhar tal-akkadut – f'Ġunju 2013 - kellu reġistrata fuq ismu jew kien qed jagħmel użu minn Isuzu Gemini. Prova li faċilment setgħet tinġieb billi jitħarrek rappreżentant ta' TM.

(iii). Fil-kors tal-istqarrija li ttieħdietlu l-imputat fl-ebda ħin ma jsemmi li ra xi persuna tavviċina l-vettura tiegħu. Meta mistoqsi biex jispjega kif is-sustanza nstabet fil-vettura tiegħu wieġeb *"Ma nafx u m'għandix ideja".*[103]

(iv). Mix-xhieda tat-tlett uffiċjali tal-pulizija li f'kull waqt kellhom ħarsithom fuq dak li kien qed jaħrab minnhom, ma jirriżultax li dan waqaf għal xi mumenti ma'

[101] Fol.281
[102] Fol.47-48
[103] Fol.15

xi vetturi jew naqqas il-pass kif hu mistenni li jiġri kemm-il darba persuna tibda tħuf tfittex karozza miftuħa. Anzi kollha jgħidu li tant baqa jiġri b'qawwa li f'ħin minnhom waqa' iżda qam u kompla bil-ġirja tiegħu tant li ma laħquhx -

PS Said kien qed iżomm lil Zael Vella u Kevin Vella taħt għajnejh u ra lil dan il-persuna jiġri minn ma' ġenbhom mingħajr ma jieqaf. Mill-banda l-oħra PC Grima u PC Xerri kienu kontinwament u konstantament isegwu lil din il-persuna u kieku waqaf ma' xi vettura ċertament kienu jarawh, kif rawh meta tfixkel u baqa' jiġri 'l fuq.

(v). Kemm aktar jagħmel sens – kieku din l-istorja hi veritjiera - li ġaladarba kien hemm dlam biss, dan l-injot ma kienx ser joqgħod jirriskja li jinqabad billi jieqaf mill-ġirja jew inaqqas il-pass biex joqgħod jiskandalja kienx hemm xi tieqa jew bieba ta' vettura miftuħa, meta kellu madwaru l-imħarbat, ħaxix u xagħri fejn seta' jarmi s-sustanza.

Il-verità hi li ma kien seħħ xejn minn dan għaliex la rawh il-pulizija jieqaf f'xi ħin mal-vettura tal-imputat jew ma' xi vettura oħra. L-imputat stess jonqos milli jsemmi xi movimenti simili meta l-għada fil-15:30hrs irrilaxxa stqarrija fejn tenna li ma kellux ideja kif il-qratas spiċċaw fil-vettura tiegħu.

Hu dak li joħloq il-gideb, rakkonti li ma jagħmlux sens u jisfidaw il-loġika.

(vi.) Anzi hu Kevin Vella stess li jikkontradixxi t-teżi difensjonali tiegħu meta fi kliemu jistqarr li kien uża dik il-vettura dakinhar erba' sigħat qabel, mit-8pm l'hemm. Vettura li kienet tintuża mill-ħaddiema ta' missieru.

Isegwi li m'għandux mis-sewwa li dan l-injot irnexxielu jiċċomba vettura li nzertat kienet ta' persuna li l-għarusa tiegħu tistqarr kien jittraffika l-kokaina; vettura li b'kumbinazzjoni akbar sabha bit-tieqa mbexxqa! U dan kollu seħħ meta kien hemm **dlam ċappa**. Ma jridx jintesa li t-twieqi ma kienx ikunu miftuħin kollha b'mod li huma ovvji li miftuħin tant li Zael Vella tgħid li Vella kien iħallihom imbexxqin biss xi "5cm".[104] X'*eye-sight* fenomenali kellu dan il-persuna injota biex waqt ħarba b'ġirja fid-dlam jindovina din it-tieqa mbexxqa man-naħa tal-ħajt jew addirittura jirnexxielu jilmaħa!

[104] Fol.95

2. Fil-verità t-teżi tal-imputat ma ssib l-ebda korroborazzjoni lanqas sal-grad tal-possibbli. L-imputat jibqa' ma jġib lanqas l-inqas prova biex jissostanzja dak li jingħad minnu jew minn missieru.

Per eżempju ma tressaq ħadd biex jixhed li l-missier kien għamel xi rapporti mal-Pulizija dwar dan Lorton. Li dan ġie arrestat. Li kien hu li ċempel lil ħut Kevin Vella biex għarrafhom bl-arrest tiegħu. Lanqas prova li Lorton kien isuq Isuzu Gemini fl-2013 ma nġabet! Minflok l-Isuzu tissemma biss minn Zael Vella fil-kuntest li ħabib ta' Kevin Vella, ċertu Glen, kien isuq vettura ta' dik l-għamla[105] meta Zael Vella qatt ma semmiet lil dan Lorton!

3.(i) Osservazzjoni oħra li xxejjen it-teżi difensjonali hu l-fatt li, filwaqt li tipprova tingħata l-impressjoni li l-persuna injota bdiet tiġri bejn il-karozzi u ċ-ċint, Grima hu kategoriku u jgħid li dan kellu l-vettura pparkjata bil-bieba n-naħa ta' triq fuq in-naħa tax-xellug wiċċha l-fuq. Għaldaqstant jagħmel sens dak li osserva x-xhud li dan baqa jiġri <u>għan-nofs tat-triq</u> u ma baqax fid-djuq bejn iċ-ċint/ħajt u l-vetturi, għalkemm jista' jagħti l-każ kif wara kollox jixhed PC Xerri li dan f'xi ħin għadda viċin il-ġenb tat-triq viċin il-ħajt/ċint.

(ii). L-imputat jagħmel enfasi fid-difiża tiegħu li dan l-injot ġera mill-parti dejqa proprju biex jipprova jissostanzja l-linja difensjonali tiegħu li dan l-individwu sab tieqa ta' wara x-xufier tal-vettura ta' Kevin Vella, fejn instab il-pakkett, miftuħa u tefgħu fil-vettura. Dan meta kif ġa ġie osservat kellu kull opportunità f'dak id-dlam jaqbad u jarmiha fl-imħarbat iżda għażel li jitfa l-qratas ġo vettura <u>taħt għajnejn</u> il-pulizija li kienu qed isegwuh biex żgur tinsab aktar faċilment!

(iii). Iktar minn hekk, l-imputat isostni fuq din it-teżi għaliex hekk biss jista' jagħti spjegazzjoni għal fatt li hu nqabad jagħmel moviment mas-seat tiegħu fejn hu jallega li ma kienx biex jaħbi d-droga iżda kien qed itellgħu għaliex niżlu biex seta' jidħol fuq is-seat tax-xufier; xi ħaġa li skont hu ma setgħax jagħmel b'faċilita' peress li l-vettura kienet ipparkeġġata mal-ħajt. Teżi li bid-dovut rispett m'għandhiex mis-sewwa anzi hi kuntrarjata minn dak li jixhed b'tant kjarezza PC Grima meta minkejja d-domandi kontinwi tal-abbli difensur hu definittiv li hu ma kellux diffikultà jiftaħ il-bieba tax-xufier u jdaħħal idu sabiex jiġbor il-pakkett minkejja li din tassew kienet ipparkjata viċin il-ħajt.

Grima jiddikjara*: "Lura, jiena u PC951, rajna lis-Surġent <u>PS342 wieqaf jissorvelja x'inhu għaddej ġol-karozza ….il-bozza ta' ġewwa l-vettura kienet mixgħula</u> u stajna naraw*

[105] Fol.96

*lil Zael Vella fl-istat li kienet qeda fih….staqsejnihom humiex bżonn xi assistenza hekk kif identifikajna lilna nfusna li pulizija, dak il-ħin Kevin Vella reġa' beda jirrifjuta u* ***f'dak il-ħin eżatt dan intefa lura fuq is-seat tan-naħa tas-sewwieq li kien imniżżel, fejn PS342 ġibdilna l-attenzjoni li Kevin Vella kien ddaħħal idu fil-but u fil-pront jiena u PC951 ġrejna lejn il-bieba tas-sewwieq fejn dan ipprova jiftaħ il-bieba tal-karozza, probabbilment biex jarmiha barra però inzertajna bl-eżatt wasalna mal-bieba fejn imbagħad bil-borża f'idu dan daħħal idu bejn is-seat u seatbelt u jiena stess rajtu jitlaq il-borża għal taħt is-seat fejn kien qiegħed hu.*** *Immedjatament ftaħt il-bieba ta' wara fejn jiena stess elevajt borża tal-plastic żgħira li ġo fiha kellha 9 (disgħa) pakketti/qratas trasparenti li kien jidher fihom trab abjad li x'aktarx kienet sustanza illegali tal-cocaine.".*[106]

4. Għall-kuntrarju tan-nuqqas assolut ta' provi min-naħa tal-imputat, il-każ tal-prosekuzzjoni hu wieħed imsejjes fuq provi b'saħħithom, tenut kont li dak li seħħ fil-vettura sar **taħt għajnejn xejn inqas minn tlett uffiċjali** tal-pulizija li jiddeskrivu f'dettal dak li assistew għalih.

Għalkemm kien hemm id-dlam fl-akkwati PS Said seta' jara dak li kien qed iseħħ fil-vettura għaliex din kellha d-dwal mixgħulin. Hu għalhekk li l-pulizija attenta u allerta assistiet u rat il-movimenti suspettużi ta' Kevin Vella, liema għemil ġie deskritt hekk mill-uffiċjali varji:

(a) Fir-rapport redatt minn PS Said jingħad:

*"…on seeing this* ***Kevin Vella immediately refused any assistance moved back in a hurry on his driver's seat*** *and whilst he was immediately informed by PS342 that same were police officers, PC60 and PC951* ***rushed to the driver's door as Kevin Vella was noted getting a plastic bag out of his jeans Bermuda's right pocket whilst trying to open the vehicle's driver's door*** *most probably to try and throw said bag outside in the dark rural surroundings, which action was stopped by prompt police intervention. On seeing this* ***Kevin Vella moved his right hand to the rear of the vehicle from where PC60 John Grima collected a small bag containing nine (9) small plastic/transparent material sachets which contained white powder suspected to be illegal substance*** *which plastic bag PC60 J Grima noted* ***dropping from Kevin Vella's hand.".*** [107]

**PC60 John Grima** mbagħad jispjega: *"**bqajna nosservawhom minn hemm isfel**. .....aħna u sejrin lura jien u PC 951 kien hemm is-surġent fejn il-vettura, ngħidlek in-*

[106] Fol.55-56
[107] Fol.48

*<u>numru, EBG 375, kien qiegħed josserva x'inhu jiġri f'din il-karozza</u>, u hemmhekk ra kien hemm Zael Vella u Kevin Vella ġol-karozza. Xħin wasalna hemmhekk fejnhom, maġenb is-surġent, is-surġent qalilna biex insomma biex inkellmuhom u naraw għandhomx bżonn xi ħaġa dawn.* ***Xħin iddentifikajna ruħna li aħna pulizija u staqsejnihom jekk għandhomx bżonn xi ħaġa dan Kevin Vella qabad u daħħal idu fil-but, kellu s-seat tiegħu tad-driver kien imnizżel kollu, imtedd fuq is-seat, daħħal idu ġol-but u s-surġent ġibdilna l-attenzjoni, qalilna li dan daħħal idu fil-but. U ġrejna n-naħa l-oħra, ġrejna n-naħa tad-driver għax konna n-naħa tal-passiġġier aħna, u hekk eżatt malli wasalt mal-bieba dan prova jiftaħ il-bieba u żammejt il-bieba jien u ma kellux mod ieħor. Kellu borża f'idu u qabad u tefagħha bejn is-seat u s-seat belt. Nizżel idu hekk u tefa' xi ħaġa taħt is-seat tiegħu dan. U nfurmajt lis-surġent u s-surġent qalli, "iċċekkja wara." Ftaħt il-bieba ta' wara u sibt borża kien fiha disa' (9) qratas,*** *kien fiha disa' qratas li kienu qiegħdin ġo pakketti li kienu trasparenti u sustanza illegali x'aktarx li kienet coke insomma"*[108]

5. Zael Vella kkonfermat iż-żewġ stqarrijiet irrilaxxati nhar is-16 ta' Ġunju 2013; waħda fil-<u>11:50hrs u oħra fil-18:10</u>, quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr. Josette Demicoli fis-**17 ta' Ġunju, 2013 fl-4pm.**[109]

(i). Meta jitqies li Zael Vella ħalliet il-*party* qabel nofsillejl tal-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Ġunju, 2013, il-konferma taż-żewġ stqarrijiet bil-ġurament quddiem il-Maġistrat saret l-għada filgħaxija **40 siegħa wara**, altru żmien biżżejjed biex terġa lura f'sikkitha u kwalunkwe *hang-over* tgħaddilha. Fil-fatt jingħad li lanqas waqt l-istqarrijiet li ngħataw quddiem il-pulizija, ma kien hemm xi talba da parti tagħha għal attenzjoni medika.

(ii). Filwaqt li l-Qorti *ex abundantia cautela* hi lesta tagħti l-benefiċċju tad-dubju lil Zael Vella fis-sens li meta rrilaxxat l-ewwel stqarrija lill-pulizija setgħet kienet għadha mhux f'sikkitha, ċertament ma jistax jingħad l-istess għal dik rilaxxata filgħaxija tas-16 ta' Ġunju.

*Multo magis* nhar is-**17 ta' Ġunju fl-4pm, għall-istqarrija ġuramentata** mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, jirriżulta li kienet <u>attenta u ffokata</u> biżżejjed biex titlob korrezzjoni rigward dak li ddikjarat preċedentement.

(iii). Li jibqa' inspjegabbli, anzi fil-verità ma jagħmel l-ebda sens, hu li l-parti tad-dikjarazzjoni tagħha li tbiddel (għax tgħid li ma kinitx f'sensiha meta rrilaxxat id-

[108] Fol.52
[109] Fol.80

dikjarazzjoni quddiem il-Pulizija), hi proprju **meta hi kienet għada lanqas biss daħlet il-party** fejn tgħid li beda x-xorb li sikret bih!

Għalhekk Zael Vella jirnexxielha tkun hi stess li timmina l-veraċità tal-verżjoni tagħha in kwantu għal dak li seħħ **qabel ma għaddew u skapulaw lis-*security***.

Kummenti ulterjuri huma superfluwi!

(iv). Ix-xhieda li Zael Vella tagħti f'Diċembru 2013 fejn din id-darba sitt xhur wara l-akkadut, tasal tgħid minn kollox biex teżonera lill-imputat minn kwalunkwe għemil illeċitu, fejn hu ċar kristall li l-bidla fil-verżjoni mhix waħda ġenwina u konfortata b'xi spjegazzjoni li għandha mis-sewwa, ma tista' tingħata l-ebda piż probatorju.

F'din ix-xhieda furzata u intenzjonata biss biex kull fejn għamlet riferenza għall-imputat, issa ddawwar għemilu fuq persuni oħra, l-unika spjegazzjoni li tagħti hi sempliċiment li meta kellmet lill-pulizija ma kinitx qegħda f'sikkitha.

Konvenjentement ma ssemmi xejn li meta dehret quddiem il-Maġistrat kienet seqer biżżejjed biex tbiddel dawk il-partijiet li dak il-ħin dehrilha kellha għalfejn titlob bidla u korrezzjoni dwarhom. Dan seħħ **erbgħin siegħa wara l-arrest nhar is-17 ta' Ġunju fl-4pm!**

(v). Ma jistax jiġi injorat kif il-Maġistrat Inkwirenti b'reqqa liema bħala u domanda fuq domanda aċċertat ruħha li dak kollu li Zael Vella riedet tbiddel mill-istqarrijiet oriġinali rrilaxxati lil-pulizija biddlithom. Kien hawn li Zael Vella iffokat biss fuq parti fl-ewwel stqarrija li ġa sar aċċenn ampju għalija u ċioe' dak li seħħ qabel daħlu għall-*party*.

Madankollu, il-giddieb għomru qasir u l-verità dejjem tispiċċa titla f'wiċċ l-ilma għaliex lejn tmiem ix-xhieda ġuramentata tagħha tikkonferma l-aħħar parti tat-tieni stqarrija u tgħid: ***"nikkonferma: jien dawk rajthom xhin Kevin Vella tefagħhom fil-basket tiegħi. Hu għamel dan minn jeddu u mhux għax talbtu jien"***.[110] F'din l-istanza Zael Vella ma tissenjala l-ebda korrezzjoni għal tali dikjarazzjoni. ***Truth will out!***

[110] Fol.96

(vi). Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli** iddikjarat:[111]

> ….kull xhud jista' jitwemmen f'kollox, ma jitwemmen f'xejn jew jitwemmen f'parti u ma jitwemminx f'parti oħra. Min jiġġudika jrid iqis x'jemmen u x'ma jemminx u huwa possibbli li min jiġġudika jemmen parti biss u mhux kollox.

Għalkemm il-Qorti ma għandha l-ebda problema tiddistingwi bejn liema testimonjanza għanda l-affidabbiltà rikjesta u liema verżjoni tgawdi minn kredibbiltà, ser tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**:[112]

> Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke għal kawzi sommarji (ara **Il-Pulizija v. Angelo Grima** App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jiġi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tiegħu għal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[113] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel użu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li minn ikun għamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, <u>dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bħala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verità` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud</u>. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-

[111] Per Onor. Imħallef Lawrence Quintano; Appell Kriminali Numru. 59/2013, Deċiża 16 ta' Ġunju, 2014. Vide ukoll **Il-Pulizija v. Generoso sive Jimmy Sammut... omissis ...;** Per Onor. Imħallef David Scicluna Appell Kriminali Numru. 318/2009 u Deċiża 22 ta' Ġunju, 2011; **Il-Pulizija v. Louis Mallia** Per Onor Imħallef Vincent Degaetano, Appell Nru. 149/2001 VDG, Deċiża 7 ta' Dicembru, 2001

[112] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano; Deċiża 26 ta' Mejju, 2003; Appell Kriminali Numru. 14/2003

[113] **661**: "Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra."

Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tiegħu

**does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.**
[sottolinejar ta' din il-Qorti]

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim u tenut kont tal-osservazzjonijiet ġa magħmulha, il-Qorti tqis li hi l**-istqarrija ġuramentata** quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar is-17 ta' Ġunju, 2013 li tgawdi minn kredibbiltà u affidabbiltà fejn tentattivi biex tinħeba l-verità sfumaw fix-xejn.[114] Madanakollu jibqa' l-fatt li ai fini tal-imputazzjonijiet kif miġjuba, u senjatament l-ewwel tliet imputazzjonijiet, ftit jagħmel differenza jekk effettivament il-qratas Vella kienx tefagħhom fil-basket ta' Zael Vella jew le.

6. Il-provi prinċipali li jissostanzjaw dak li allegatament seħħ fil-vettura huma x-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija magħduda mar-rapport tal-Ispiżjar Dr. Godwin Sammut.

7.(i) Zael Vella tikkonferma li Kevin Vella kien jittraffika fil-kokaina:

*"Jien ġie li rajtu* ***jgħatti borża żgħira bil-cocaine ġo fiha*** *li xi wħud minn sħabu bħalma Mark iż-Żużu, Chris il-Barri, Samuel Sillato u George Attard. Dawn tal-aħħar iħobb jagħtihom b'xejn. [Jiġifieri inti kien hemm okkażjonijiet li rajtu jgħaddi xi pakketti lil dawn il-persuni li għadek kif semmejt?] Ġie li.....Konna nkunu Grotta u Q Club .....[*kien ibiegħ*] Sibtijiet. Matul il-ġimgħa qatt ma għamel xejn."*[115].

(ii). Quddiem il-Maġistrat l-istqarrija tissokta:

*"U kemm ilu bħala żmien li ilu jbiegħ?*
*<u>Kien għamel xahar fix-xitwa għal ħabta ta' Diċembru. Imbagħad kien waqaf u reġa' għamel dawn iż-żewġ weekends</u>.*
*Il-weekend li għadda fejn kontu?*

---

[114] Fol.80 et seq
[115] Fol.87

*Il-Grotta. Jien naf li dakinhar ħin minnhom qalli biex nikteb fuq il-mobile biex nikteb sittin (60) Żużu, li jfisser li għandu sittin (60) mingħand Żużu. Hu dakinhar naf li kien mgħawweġ li jfisser li hu kien ħa l-cocaine.*
*Jiġifieri meta jieħu l-cocaine dan Kevin Vella jibda jaġixxi b'xi mod partikolari?*
*Jibda jgħawweġ ħalqu. Jien mill-ewwel tinduna li jkun ħa għax jien nafu straight u xħin tarah tinduna.*
*Issa bħala prezzijiet int taf kemm kien qiegħed ibiegħha d-droga dan Kevin Vella?*
***Bejn erbgħin (€40) u sittin Euro (€ 60).***
*Taf x'kienet raġuni għala tinbiegħ bi prezzijiet differenti?*
***Lil sħabu ta' ġew bħal Chris il-Barri kien iżommilhom l-inqas prezz possibbli, jiġifieri erbgħin Ewro (€ 40) u lil ħaddieħor kien iżommilhom sittin Ewro (€ 60)."***[116]

8. Għalkemm Vella saħaq mal-pulizija li l-flus li nstabu fuqu kienu l-paga tiegħu, ma kienx jaf kemm kellu flus fuqu.[117] Dan l-ammont kien ta' €220 kif jixhed ir-ritratt **Dok. MX12**[118] a fol.133

9. L-**Ispiżjar Dr. Godwin Sammut** li analizza s-sustanza in kwistjoni sab li *"Il-piż totali ta' dan it-trab kien ta' four point zero four grammi (4.04 gms.) u l-purità kienet ta' ċirka twenty eight per cent (~ 28 %)".*[119]

Ir-ritratt MX13[120] juri dawn id-disa' (9) qratas li lkoll kellhom piż ta' bejn il-0.41g – 0.51g[121]. Manifestament ippakkjati lesti għall-ispaċċ.

10. Fil-konklużjonijiet tiegħu **Dr. Kevin Sammut Henwood** jgħid: *"Meta wieħed janalizza l-informazzjoni miġbura, wieħed jasal għall-konkluzzjoni, li s-Sur Vella jissodisfa l-kriterji li jindikaw li kellu* ***problema ta' abbuż assoċjat mat-teħid tad-droga kokaina u kannabis.*** *....Bħalma tennejt, meta kien ġie arrestat fl-2013, huwa kien ħa xokk kbir li waslu sabiex jaġġmel bosta tibdiliet f'hajtu. Mill-arrest intefa' aktar fuq ix-xoghol u reġa beda jmur l-iskola, kemm l-Universita ta' Malta fejn anke gab xi ċertifikati u anki l-MCAST minn fejn gab degree u bħalissa qed jistudja wkoll fuq livell ta' Masters."*[122]

---

116 Ibid.
117 Fol.49
118 Fol.145 a fol.133
119 Fol.115. Vide rapport **Dok. GS1** a fol.116 et seq
120 Fol. 146 a fol.133
121 Fol.119
122 Fol.455

Dr. Henwood ikkonstata dettalji li jsibu korroborazzjoni propju f'dak li kkonfermat quddiem l-Inkwirenti Zael Vella in kwantu li l-imputat kien beda jabbuża mid-droga madwar sena qabel l-arrest tiegħu fejn kellu *mild addiction* tenut kont li l-aktar li kien jagħmel użu minnha kien meta jkun fil-kumpanija ta' sħabu senjatament fil-*weekends*. Insibu li *"...l-effett magħruf bħala peer pressure wassal sabiex jibda jabbuża mis-sustanza fuq bażi aktar regolari*[123]*...... s-Sur Vella bħal kull żagħżugħ ieħr wara li spiċċa mill-iskola kien ifittex li jkollu peer group membership. Dawn il-ġbieb kienu ta' influwenza ħażina fuqu fejn flimkien ma dan il-grupp kien ifittex jattendi parties u postijiet ta' divertiment fejn kien jabbuża mis-sustanzai primarjament tal-kokaina u kannabis."* Wara li kiser saqajh u għamel 7 xhur rikoverat id-dar beda jabbuża mid-droga bħala *coping mechanism* għad-dwejjaq li kienu jaħkmuh.[124]

Mill-evalwazzjoni klinika rriżulta li *"il-problema ta' addiction bdiet tifforma meta huwa beda jkollu l-abitudini li kull meta joħroġ ma sħabu u mat-tfajla li kellu dak iż-żmien kien iħoss il-bżonn li jabbuża mis-sustanzi. Ghalkemm ġieli kien hemm abbuzz eċċessiv ta' dawn is-susyanzi dan kien issir f'qasir żmien, ġeneralment fi* <u>*tmiem il-ġimgħa*</u>*, dak li bl-Ingliż jissejjaħ binging.....dan ifisser li kemm bħaħa stimulant use disorder kif ukoll bhala cannabis use disorder, ghelkemm kienu hemm u jimmeritaw dijanjozi dawn is-sintomi kienu minimi...mild use."*[125]

Jitfakkar dak li kkonfermat Zael Vella quddiem il-Maġistrat Inkwirenti li Kevin, apparti li jbiegħ id-droga, kien jabbuża minnha u dan kien iseħħ f'*weekends*, eżatt kif iddetermina l-espert psikologu:

> *"Jien ġie li rajtu* ***jgħati borża żgħira bil-cocaine ġo fiha li xi wħud minn sħabu*** *bħalma Mark iż-Żużu, Chris il-Barri, Samuel Sillato u George Attard. Dawn tal-aħħar iħobb jagħtihom b'xejn.*
> *[Jiġifieri inti kien hemm okkażjonijiet li rajtu jgħaddi xi pakketti lil dawn il-persuni li għadek kif semmejt?]*
> ***Ġie li***
> *U bħala postijiet fejn kontu tkunu meta kien jiġri dan?*
> ***Konna nkunu Grotta u Q Club***
> *Bhala ġranet meta kienu jkunu li jseħħ dan?*
> ***Sibtijiet. Matul il-ġimgħa qatt ma għamel xejn***
> *U kemm ilu bħala żmien li ilu jbiegħ?*
> <u>*Kien għamel xahar fix-xitwa għal ħabta ta' Diċembru. Imbagħad kien waqaf u reġa' għamel dawn iż-żewġ* ***weekends.***</u>
> *Il-weekend li għadda fejn kontu?*

[123] Fol.452
[124] Fol.452
[125] Fol.454

*Il-Grotta. Jien naf li dakinhar ħin minnhom qalli biex nikteb fuq il-mobile biex nikteb sittin (60) Żużu, li jfisser li għandu sittin (60) mingħand Żużu. Hu dakinhar naf li kien mgħawweġ li jfisser li hu kien ħa l-cocaine.*
*Jiġifieri meta jieħu l-cocaine dan Kevin Vella jibda jaġixxi b'xi mod partikolari?*
*Jibda jgħawweġ ħalqu. Jien mill-ewwel tinduna li jkun ħa għax jien nafu straight u xħin taraħ tinduna."*[126]

11. Zael Vella wkoll tiddikjara li kien hemm okkażjonijiet fejn **Kevin Vella għaddielha d-droga kokaina**: *"Qatt ma xtrajt coke jien. Jien **kont niddobba mingħand Kevin Vella** jew mingħand il-Barri. Iżjed mingħand Barri, għax **Kevin Vella kulma jagħmel ibiegħ kien xahar u issa reġa' dan l-aħħar ġimgħatejn.** ....."*.[127]

12. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru sitta (6) u sebgħa (7), Zael Vella tikkonferma mal-Maġistrat Inkwirenti li Kevin Vella kien ilu **jgħaddilha *ecstasy* fl-aħħar sitt xhur jew sena**, iżda ma kinitx tħallsu tagħha; dan seħħ forsi **għaxar darbiet meta kien itiha minn waħda sa tnejn**.[128] Fil-fatt issemmi kif waqt *party* tal-Karnival, li kien qed iseħħ fil-Maxtura, Kevin Vella **għaddielha *ecstasy*** iżda ma tafx li kien ibiegħ *ecstasy*.[129]

12. Issa minkejja l-verbal tal-prosekuzzjoni magħmul dakinhar tal-preżentata u ċioe' li *"fir-rigward tal-ħames u s-seba' imputazzjonijiet fejn hemmhekk qed jindika li l-imputat seta' ttraffika, dana qed issir riferenza [għal] trafficking by sharing u mill-investigazzjonijiet li saru rigward dawn l-akkużi s'issa ma rriżultax li l-imputat għamel xi qliegħ jew biegħ dawn it-tipi ta' droga msemmija."*[130]

Fir-rigward tal-imputazzjoni numru sebgħa (7) l-Qorti tqis li ma ġiex pruvat sal-grad rikjest li tassew dan kien xi każ ta' *trafficking by sharing* kif tikkontendi l-prosekuzzjoni. Sabiex ikun hemm prova ta' għemil simili jeħtieġ li jkun ġie pruvat li:

> l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt.[131]

---

[126] Fol.87
[127] Fol.88
[128] Fol.88-89
[129] Fol.94
[130] Fol.6
[131] Artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta

Ġaladarba l-avvenimenti kienu multipli din id-dispożizzjoni ma ssibx applikazzjoni. Lanqas ma ġie pruvat li kienet Zael Vella nnifisha li talbet għad-droga *ecstasy*.

Ikkunsidrat:

Fid-dawl tal-provi miġjuba l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni pruvat sal-grad rikjest minnha l-imputazzjonijiet kollha għajr għall-imputazzjonijiet numru erbgħa (4) u ħamsa (5).

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali netta tal-imputat u taċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-fatt li dan il-każ ilu pendenti sa mill-2013, liema dewmien ma kienx dovut għall-imputat, ukoll ingħata kunsiderazzjoni. Tul dan iż-żmien m'hemmx dubju li l-imputat irriforma ruħu tant li llum jinsab gradwat, b'impjieg fiss fil-qasam tal-kostruzzjoni, qed jgħix ħajja stabbli u kollox jindika li ħalla l-ħajja kriminuża wara spallejh.

Il-Qorti qieset ukoll li t-tielet (3) imputazzjoni serviet bħala mezz ai fini għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet ((1) u (2)), filwaqt li s-sitt (6) imputazzjoni serviet ta' mezz ai fini għall-imputazzjoni numru seba' (7).

Il-Qorti rat ukoll id-digriet tagħha tat-2 ta' Lulju, 2021 fejn assumiet il-funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga. Mir-rapport ta' Dr. Sammut Henwood, li saret riferenza għall-konstatazzjonijiet tiegħu aktar 'il fuq, il-Qorti hi sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reati li dwarhom Kevin Vella qed jinstab ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

**Joanna Buhagiar Fiott** mid-*Drug Offenders Rehabilitation Board* li spjegat li l-Bord iddeċieda li jagħlaq il-każ tal-imputat b'suċċess: *"Kevin Vella dejjem ikkowopera mal-care plan tagħna, u li talbuh hu li jibqa' xi kultant jattendi l-OASI, iżomm naqra kuntatt."*[132] Fin-Nota tal-Bord intqal li *"r-rapport fir-rigward tal-klijent huwa pożittiv.....In vista tal-fatt illi l-klijent għamel progress kbir, il-Bord huwa sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni u għaldaqstant, l-istess bord qiegħed jikkunsidra l-każ bħala magħluq".*[133]

---

[132] Fol.515

[133] **Dok.JBF** a fol.516

**Margaret De Battista**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Għawdex, tixhed li l-imputat ma għandu l-ebda proċedura pendenti fil-konfront tiegħu[134] u dan kif kontemplat bl-artikolu 8(6) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi jkun kontro-produttiv u miżura li timmina l-progress kollu li sar jekk il-Qorti timponi piena karċerarja fuq l-imputat li llum il-ġurnata ma jistax jitqies li hu ta' riskju jew periklu għas-soċjetà.

Konsegwentement fiċ-ċirkostanzi u ai termini tal-artikolu 8(7) tal-***Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija),*** qed jiġi deċiż li din il-Qorti ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-Ordni ta' Probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, l-imputat qed jinstab ħati.

Inoltre a tenur tal-artikolu 8(8) tal-istess Att il-Qorti qed tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, m'għandux jittieħed f'kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu ta' tliet snin mid-data ta' din is-sentenza sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 18 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-***Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,*** Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-Regolamenti 4 u 9 tar-***Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi*** (G.N. 292/1939 kif emendata, L.S.101.02), u tal-artikoli 40, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i)(ii) tal-***Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha,*** Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (L.S.31.18; A.L. 22 tal-1985, kif emendat), issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u a tenur tal-Artikolu 8(7) tal-***Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija),*** tikkundannah għall-piena ta' **tmintax (18)-il xahar priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tlett (3) snin u multa ta' elfejn ewro (€2,000).

---

[134] Fol.517

Inoltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali qed tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

Ai termini tal-artikoli 28A(4) u 28G(8) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk, matul il-perjodu operattiv, jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Superviżjoni.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali qed tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' **€747.17** rappreżentanti spejjeż peritali.

Inoltre tordna **d-distruzzjoni tad-droga** esebita,[135] hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandha tirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-għan li jiġi determinat, stante t-trapass ta' żmien, hemmx lok li jittieħdu proċeduri penali fil-konfront ta' Zael Vella fuq reat ta' sperġur kontemplat *inter alia* bl-artikolu 104(1) tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[135] **Dok. GS2;** Referenza Esibiti V62